

Il-Ġurnal Uffiċjali

ta' l-Unjoni Ewropea

Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Avviż Nru

Werrej

Paġna

I Tagħrif

Il-Qorti ta' l-Awdituri

Rapport Speċjali Nru 2/2006 dwar l-eżekuzzjoni ta' proġetti finanzjati taħt it-TACIS fil-Federazzjoni Russa flimkien mar-risposti tal-Kummissjoni 1

Rapport mill-Qorti ta' l-Awdituri dwar il-verifika ta' l-effiċjenza fl-operat tal-ġestjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew għas-sena finanzjarja 2004 flimkien mar-risposti tal-Bank Ċentrali Ewropew 17

Rettifika għar-Rapport Speċjali Nru 6/2005 dwar in-netwerk trans-Ewropew għat-trasport (TEN-T) ... 20

* Din il-Hargha Speċjali bil-Malti hija ppubblikata bil-lingwi uffiċjali ta' l-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea fil-ĠU C 119

I

(Taġġir)

IL-QORTI TA' L-AWDITURI

RAPPORT SPEĊJALI Nru 2/2006

dwar l-eżekuzzjoni ta' proġetti finanzjati taħt it-TACIS fil-Federazzjoni
Russa flimkien mar-risposti tal-Kummissjoni

(skond l-Artikolu 248(4), it-tieni sotto paragrafu, KE)

WERREJ

	Paragrafu	Pàġna
TAQSIR		2
SOMMARJU	I-VII	3
INTRODUZZJONI	1-16	4
Il-programm TACIS	1-8	4
TACIS fil-Federazzjoni Russa	9	4
L-UE u l-Federazzjoni Russa	10-11	4
L-iskop u l-approċċ tal-verifika	12-16	5
OSSERVAZZJONIJIET	17-53	5
Objettivi mhux miksuba jew miksuba parzjalment biss	18-19	5
Il-qafas ta' programmazzjoni	20-22	6
L-identifikazzjoni u l-ippjanar ta' proġett	23-34	6
Applikazzjoni ħażina tas-Sistema tal-Ġestjoni taċ-Ċiklu ta' Proġett	23-24	6
Skeda ta' l-ippjanar ta' proġett fit-tul	25	6
Suppożizzjonijiet ta' bażi u objettivi mhux realistiċi	26-28	7
Objettivi neqsin jew impreċiżi	29-31	7
L-għażla u l-intervent ta' benefiċjarji bla suċċess	32-34	7
Il-finanzjament ta' proġett	35-38	8
Problemi relatati mad-deċiżjoni tad-daqs tal-proġett	35-36	8
Kofinanzjament nazzjonali huwa rari	37-38	8
L-implimentazzjoni ta' proġett	39-49	8
Dewmien fl-implimentazzjoni	39-40	8
L-eżekuzzjoni tal-kuntratturi kienet ġeneralment aċċettabli	41	9
Kumitati ta' tmexxija mhux effettivi	42	9
Taġġmir mhux użat għall-iskopijiet tal-proġett	43-46	9
Xiri mingħajr VAT minn fornituri domestiċi huwa impossibbli	47	9

	Paragrafu	Pàġna
L-osservaturi għamlu xogħolhom tajjeb	48-49	9
Tixrid ta' informazzjoni, sostenibilità u evalwazzjoni	50-53	10
Tixrid ħażin ta' informazzjoni	50-51	10
Sostenibilità ħażina	52	10
Nuqqas ta' evalwazzjoni	53	10
KONKLUŻJONIJET U RAKKOMANDAZZJONIJET	54-56	10
Konklużjonijiet	54-55	10
Rakkomandazzjonijiet	56	11
Ir-risposti tal-Kummissjoni		12

TAQSIR

AP	Programm ta' Azzjoni
CBC	Koperazzjoni Transkonfinali
CIS	<i>Commonwealth</i> ta' Stati Indipendenti
DĠ	Direttorat Ġenerali
EuropeAid	L-Uffiċċju ta' Koperazzjoni fl-Għajnuna Ewropea
MIP	Programm Indikattiv multi-annwali
PCA	Ftehim għas-sħubija u Koperazzjoni
PCM	Ġestjoni taċ-Ċiklu ta' Proġett
RCoA	Il-Kamra tal-Kontabilità Russa
RELEX	DĠ Relazzjonijiet Esterni
SME	Intrapriża ta' Daqs Żgħir u Medju
SP	Dokument ta' Strateġija
TACIS	Assistenza Teknika għall-Commonwealth ta' Stati Indipendenti
ToR	Termini ta' Referenza

SOMMARJU

I. Mill-1991 sa l-2006 'l fuq minn 7 000 miljun euro kienu allokat i mill-Unjoni Ewropea għall-programm TACIS ⁽¹⁾ iddedikat biex jassisti l-*Commonwealth* ta' Stati Indipendenti (CIS) mwaqqfa reċentement wara t-tmiem ta' l-Unjoni Sovjetika. L-għan ta' dan il-programm kien u għadu li jippromwovi t-tranżizzjoni għal ekonomija tas-suq u biex isahha mill-ġdid id-demokrazija u r-regola tad-dritt fil-pajjiżi beneficijarji. Is-servizzi tal-Kummissjoni Ewropea huma fil-proċess li jfasslu kunċett ġdid u bażi legali għall-għajnuna mill-2007 'l quddiem (ara l-paragrafi sa).

II. Il-Federazzjoni Russa hija l-akbar beneficijarja tal-programm TACIS, li rċeviet madwar 40 % tal-fondi kollha tal-programm. Fit-totalità l-fondi TACIS allokat i lill-Federazzjoni Russa kienu madwar 200 miljun euro annwalmment. TACIS timmira li tgħin biex toħloq il-kundizzjonijiet għal tkabbir ekonomiku tajjeb u tiżviluppa sħubija vera bejn il-Federazzjoni Russa u l-UE (ara l-paragrafi 9 sa 11).

III. L-għan tal-verifika tal-Qorti kien li teżamina jekk il-Kummissjoni ġestitx il-proġetti TACIS fil-Federazzjoni Russa biex tara jekk dawn il-proġetti kinux effettivi. Il-Qorti eżaminat 29 kuntratt (proġetti) minn total ta' 275 mis-sena ta' kuntrazzjoni 2000 jew aktar tard u b'data ta' l-għeluq mhux aktar tard mill-aħħar ta' l-2003, jiġifieri l-proġetti l-aktar reċenti li s-sostenibilità tagħhom setgħet tkun eżaminata. Dawn il-proġetti kienu finanzjati taħt il-Programmi ta' Azzjonijiet 1997-2000, u l-parti l-kbira implimentati fl-2002 u l-2003. Il-valur totali tal-kuntratti verifikati kien 'il fuq minn 56 miljun euro minn popolazzjoni totali ta' 109 miljun euro (ara l-paragrafi 12 sa 16).

IV. B'mod ġenerali l-Qorti kkonkludiet li disgħa mill-proġetti verifikati kisbu l-oġettivi tagħhom. Fi tmien każijiet l-oġettivi kienu parzjalment milħuqa u fi tnax-il każ ma kinux miksuba. Ir-riżultati ta' ħamsa mill-proġetti kienu sostenibbli. Meta jiġu kkunsidrati r-riżultati ta' verifika msemmija hawn fuq, li juru li l-effettività ta' l-użu tal-fondi TACIS kienet baxxa, il-Qorti ma tistax tevalwa l-eżekuzzjoni tal-proġetti TACIS fil-Federazzjoni Russa b'mod pożittiv. Madanakollu, il-verifika wriet li l-eżekuzzjoni tal-kuntratturi u ta' l-osservaturi ssodisfat ir-rekwiżiti tal-kuntratti tagħhom (ara l-paragrafu 55).

V. Il-Qorti osservat li l-Kummissjoni kellha sistemi ta' programmazzjoni eżawrjenti. Madanakollu, il-proċess ta' programmazzjoni ħa wisq żmien u, minkejja l-isforzi tal-Kummissjoni, kien hemm nuqqas ta' djalogu veru bejn il-Kummissjoni u l-awtoritajiet u l-benefiċjarji Russi. B'konsegwenza kien hemm ċerti każijiet fejn l-awtoritajiet Russi aċċettaw assistenza, li l-benefiċjarji finali attwalment ma ridux. Dan kellu impatt negattiv fuq l-effettività tal-proġetti (ara l-paragrafi 20 sa 22).

VI. Osservazzjonijiet oħra kienu li l-oġettivi tal-proġetti kienu xi drabi impreċiżi u mhux miżurabbli, u xi drabi neqsin, u f'ċerti każijiet is-suppożizzjonijiet ta' bażi ma kinux realistiki (ara l-paragrafi 26 sa 31). L-għażla u l-intervent tal-benefiċjarji f'ċerti okkazzjonijiet ma kinux ta' suċċess (ara l-paragrafi 32 sa). Kien hemm problemi relatati mad-deċizzjoni tad-daqs tal-proġett. F'ċerti każijiet proġetti individwali kienu inkorporati f'sett wieħed ta' ToR li kienu relatati f'ti ma' xulxin. Il-kofinanzjament bilkemm kien utilzzat (ara l-paragrafi 37 u 38). Fi tnax-il każ (minn 29) kien hemm dewmien kbir fl-implimentazzjoni, imma d-devoluzzjoni ta' responsabbiltajiet lid-Delegazzjoni rriżultat fi proċeduri ta' ġestjoni ta' proġett aktar effettivi (ara l-paragrafi 39 u 40). Il-Kumitati ta' tmexxija ma ħadmux tajjeb. Ħafna drabi t-tagħmir ma kienx użat għall-iskop tal-proġett (ara l-paragrafi 43 sa 46). L-eżami *ex-post* (evalwazzjonijiet) ta' l-impatti tal-proġett ma sarux (ara l-paragrafi 48 u 53).

VII. Ir-rakkomandazzjonijiet prinċipali tal-Qorti kienu s-segwent i (ara l-paragrafu 56):

- L-ippjanar kollu ta' programmi ta' azzjoni esterna għandu jkun bbażat fuq djalogu veru bejn il-Kummissjoni u l-benefiċjarji. Proġetti b'oġettivi ċari li huma maqsuma bejn il-Kummissjoni u l-benefiċjarji biss għandhom ikunu ffinanzjati.
- Biex ittejjeb il-ħidma tas-sistemi tagħha l-Kummissjoni għandha tapplika l-Ġestjoni taċ-Ċiklu ta' Proġett (PCM) li tinkludi l-qafas loġiku kull meta jkun xieraq, u għandha tevita li tikkonsolida proġetti żgħar ma' oġettivi u beneficijarji differenti.
- Il-Kummissjoni għandha tivvaluta realistikament il-potenzjal tas-sostenibilità matul il-fażi ta' l-ippjanar tal-proġetti; tassigura eżami *ex-post*, jew evalwazzjoni, tal-proġetti lesti sabiex titgħalliem il-prattiki tajbin u ħżiena; u tipprovdi informazzjoni dwar il-proġetti u r-riżultati tagħhom għal skopijiet ta' tixrid.

(¹) TACIS: Assistenza Teknika għall-Commonwealth ta' Stati Indipendenti.

INTRODUZZJONI

Il-programm TACIS

1. Wara t-tmiem ta' l-Unjoni Sovjetika, l-Unjoni Ewropea fasslet programm ta' assistenza teknika għall-pajjiżi mwaqqfa reċentement tal-*Commonwealth* ta' Stati Indipendenti (CIS). L-għan ta' dan il-programm, imsemmi TACIS, kien li jippromwovi t-tranżizzjoni għall-ekonomiji tas-suq u li jsaħħa id-demokrazija u r-regola tad-dritt fil-pajjiżi benefiċjarji.

2. Iż-żewġ Regolamenti tal-Kunsill ⁽¹⁾ li jkopru l-perjodu mill-1991-1992 għamtu disponibbli madwar 4 221 miljun euro għall-assistenza lill-pajjiżi sħab ta' l-Armenja, Azerbaigjan, Belarus, Ġorġja, Każakistan, Kirgiżstan, Moldova, Mongolja, il-Federazzjoni Russa, Taġkistan, Turkmenistan, Ukrajna u Uzbekistan. Ir-Regolament tal-Kunsill preżenti ((KE Euratom) Nru 99/2000 tad-29 ta' Diċembru 1999 ⁽²⁾) jassenja 3 138 miljun euro għall-assistenza TACIS matul il-perjodu 2000 sa l-2006. Is-servizzi tal-Kummissjoni huma fil-proċess li jfasslu kunċett u bażi legali għodda għall-assistenza għal dawn il-pajjiżi mis-sena 2007 'il quddiem.

3. L-għan ta' TACIS huwa li jittrasferixxi għerf permezz ta' assistenza teknika, li tinkludi li jinbdew studji, preparazzjoni ta' pjanijiet, u l-għotja ta' parir u taħriġ. Konsulenti minn pajjiżi ta' l-UE jaħdmu mal-benefiċjarji bl-għan li jittrasferixxu għerf u speċjalizzazzjoni f'sengħa, li huma maħsuba li jkunu replikati minn proġetti oħra u organizzazzjonijiet fil-pajjiż benefiċjarju. L-għajnuna hija ffinanzjata permezz ta' pagamenti mill-baġit tal-Komunità li jsiru direttament lill-kuntratturi Ewropej li jagħtu l-assistenza teknika.

4. Barra r-regolament tal-Kunsill (ara l-paragrafu), ir-relazzjonijiet bejn l-Unjoni Ewropea u l-pajjiżi TACIS huma bbażati fuq ftehim ta' Sħubija u Koperazzjoni (PCAs) iffirmit bejn l-UE, l-Istati Membri u l-pajjiżi sħab individwali. Id-Direttorat Ġenerali għar-Relazzjonijiet Esterni (RELEX) huwa responsabbli għall-programmazzjoni ta' TACIS bil-koperazzjoni mal-pajjiżi sħab. L-implimentazzjoni tal-programm TACIS hija sussegwentament definita f'Dokumenti ta' Strateġija multi-annwali Reġjonali u/jew ta' Pajjiż (SPs) u fil-Programmi Indikattivi Multi-annwali (għall-programm nazzjonali kif ukoll il-programmi reġjonali jew li jinvolvu ħafna pajjiżi) (MIPs). Qabel ma tistabbilixxi l-MIPs il-Kummissjoni għandha tiddiskuti l-prijoritajiet mal-Kumitat għall-assistenza lill-Istati Indipendenti l-Ġodda (il-Kumitat TACIS) ⁽³⁾.

5. L-Uffiċċju ta' Koperazzjoni fl-Għajnuna Ewropea (Europe-Aid) bħalissa jibdel l-MIPs fi Programmi annwali jew ta' darbten fis-sena ta' Azzjoni (APs) bi djalogu mal-koordinaturi nazzjonali TACIS, il-ministeri kkonċernati jew organizzazzjonijiet oħra fil-pajjiżi benefiċjarji u wara konsultazzjoni interna fil-Kummissjoni. Il-Kumitat TACIS huwa meħtieġ li jagħti l-opinjoni tiegħu dwar il-kontenut ta' l-APs, li tinkludi l-lista tal-proġetti. Dawn

id-dokumenti huma kompluti b'memorandum ta' finanzjament (ftehim bejn l-UE u l-pajjiżi benefiċjarji dwar il-proġetti li jridu jiġu ffinanzjati) u dokumenti ta' l-ippjanar li għandhom x'jaqsmu mal-proġetti individwali (Termini ta' Referenza, ToR). Il-programm ta' Koperazzjoni Transkonfinali TACIS (CBC) u l-attivitajiet TACIS dwar is-Sigurtà Nukleari għandhom id-dokumenti ta' strateġija u l-programmi indikattivi u ta' azzjoni tagħhom.

6. L-ippjanar ta' l-intervent TACIS huwa maħsub li jkun immexxi bi djalogu. Dan ifisser fil-livelli kollha ta' l-istadij tal-programmazzjoni u ta' l-identifikazzjoni ta' proġett il-Kummissjoni u l-pajjiżi benefiċjarji għandhom jiftehmu fuq il-prijoritajiet u l-proġetti. Għaldaqstant id-dokumenti kollha msemminja hawn fuq mill-MIPs sat-ToRs għandhom ikunu diskussi u ffirmati minn rappreżentanti tal-Kummissjoni u tal-pajjiżi benefiċjarji.

7. EuropeAid għandu r-responsabbiltà ġenerali tal-ġestjoni taċ-ċiklu ta' proġett mill-identifikazzjoni tal-proġett sa l-evalwazzjoni tal-proġett, il-finanzjament, l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni tal-proġett.

8. Fis-sena 2000 il-Kummissjoni daħlet għal riforma importanti tal-ġestjoni tal-programmi tagħha ta' għajnuna esterna ⁽⁴⁾. L-oġettiv prinċipali kien li jsir titjib sinifikanti fil-ħeffa u l-kwalità ta' l-għajnuna esterna tal-KE. Komponent importanti ta' din ir-riforma kien id-devoluzzjoni estensiva tal-kompiti tal-ġestjoni ta' l-għajnuna u r-responsabbiltajiet lid-Delegazzjonijiet tal-Kummissjoni. B'riżultat ta' din id-devoluzzjoni, id-delegazzjonijiet saru responsabbli għall-preparazzjoni, il-kuntrattazzjoni, u l-implimentazzjoni finanzjarja u teknika tal-proġett. Ir-rwol tas-servizzi ċentrali fi Brussell żviluppa minn ġestjoni diretta ta' proġetti lejn monitoraġġ u għotja ta' sostenn lid-Delegazzjonijiet.

TACIS fil-Federazzjoni Russa

9. Il-Federazzjoni Russa hija l-akbar benefiċjarja tal-programm TACIS, li rċeviet madwar 40 % tal-fondi kollha taħt il-programm. Fit-totalità l-fondi TACIS allokati lill-Federazzjoni Russa kienu madwar 200 miljun euro annwalment.

L-UE u l-Federazzjoni Russa

10. Il-politika ta' l-Unjoni Ewropea fir-rigward tal-Federazzjoni Russa hija mmirata lejn: li tikkontribwixxi biex issaħħa ir-regola tad-dritt permezz ta' l-iżvilupp ta' istituzzjonijiet effiċjenti kif ukoll leġislazzjoni, sistemi eżekuttivi u ġudizzjarji effettivi; li ttejjeb l-ambjent ta' investiment; li żżid l-armonizzazzjoni leġislattiva ma' l-UE; li tikkopera fl-oqsma ta' ġustizzja u affarijiet interni, fl-ambjent u fis-sigurtà nukleari. Dawn il-miżuri għandhom jgħinu biex jinħolqu l-kundizzjonijiet għal tkabbir ekonomiku tajjeb fil-Federazzjoni Russa, u fl-iżvilupp ta' sħubija vera ma' l-UE.

⁽¹⁾ 1991-1995: (KEE, Euratom) Nru 2157/91 tal-15 ta' Lulju 1991, 1996-1999: (Euratom, KE) Nru 1279/96 tal-25 ta' Ġunju 1996.

⁽²⁾ ĠU L 12, 18.1.2000, p. 1.

⁽³⁾ Il-Kumitat huwa kompost minn rappreżentanti ta' l-Istati Membri u ppresedut minn rappreżentant tal-Kummissjoni.

⁽⁴⁾ Komunikazzjoni lill-Kummissjoni dwar ir-riforma tal-ġestjoni ta' assistenza esterna, 16 ta' Mejju 2000. SEC(2000) 814/5.

11. Il-PCA bejn l-Unjoni Ewropea u l-Federazzjoni Russa jir-regola r-relazzjonijiet politiċi, ekonomiċi u kulturali bejn l-UE u l-Federazzjoni Russa. Il-ftehim kien iffirmat fis-sena 1994 u dahl fis-seħħ fl-1 ta' Diċembru 1997 għall-perjodu inizjali ta' għaxar snin. Il-Kummissjoni u l-awtoritajiet Russi huma fil-proċess li jfasslu strument ġdid għall-perjodu ta' wara d-data ta' l-għeluq tal-PCA preżenti.

L-iskop u l-approċċ tal-verifika

12. L-oġġettiv tal-verifika kien li jeżamina jekk il-Kummissjoni kinitx ġestiet il-proġett TACIS fil-Federazzjoni Russa b'tali mod dwar jekk dawn il-proġetti kinux effettivi. Biex tasal għal dan il-Qorti vverifikat kampjun ta' proġetti sabiex tiddetermina (i) sa liema punt l-oġġettivi tal-proġetti kienu miksuba u (ii) kemm il-proġetti kienu sostenibbli. Fil-verifika tagħha l-Qorti segwiet l-istadji tas-sistema tal-Ġestjoni taċ-Ċiklu ta' Proġett tal-Kummissjoni (PCM): il-programmazzjoni; l-identifikazzjoni u l-ippjanar tal-proġett; il-finanzjament tal-proġett; l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni tal-proġett.

13. Peress li l-verifika kkonċentrat fuq il-livell tal-proġett, l-eżami tal-proċess ta' programmazzjoni kien limitat għal aspetti li kellhom impatt dirett fuq l-ippjanar tal-proġetti verifikati. Il-verifika ma kopritx oġġettivi politiċi ġenerali oħra tal-proġetti li ma kinux miżurabbli.

14. Fil-qafas ta' din il-verifika l-Qorti kienet tikkopera mal-Kamra tal-Kontabilità Russa. L-RCoA wettqet verifika parallela fuq in-naħa ta' l-awtoritajiet rilevanti Russi fuq il-proġetti TACIS. Ir-rapport ta' l-RCoA ser ikun ippubblikat fil-bidu ta' l-2006.

15. Il-Qorti eżaminat 29 kuntratt (proġett) minn total ta' 275 mis-sena ta' kuntrazzjoni ta' l-2000 jew aktar tard u b'data ta' l-għeluq mhux aktar tard mill-aħħar ta' l-2003 li kienu l-proġetti l-aktar reċenti li s-sostenibilità tagħhom setgħet tkun eżaminata. Dawn il-proġetti kienu finanzjati taħt il-Programmi ta' Azzjoni 1997-2000, u prinċipalment implimentati fl-2002 u l-2003. Il-valur totali tal-kuntratti verifikati kien 'il fuq minn 56 miljun euro minn populazzjoni totali ta' 109 miljun euro ⁽¹⁾. Il-proġetti dwar is-Sigurtà Nukleari kif ukoll il-proġetti TACIS kienu esklużi mill-kampjun, peress li l-Qorti ppubblikat Rapporti Speċjali bbażati fuq verifiki ta' dawn l-oqsma fl-1998 ⁽²⁾ (b'segwitu fir-Rapport Annwali 2000) u 2001 ⁽³⁾.

⁽¹⁾ Il-kuntratti verifikati kienu magħżula bl-użu tal-metodu ta' Kampjun ta' Unità Monetarja. B'konsegwenza, l-għażla tinkludi aktar kuntratti b'ammonti kbar milli kuntratti b'ammonti żgħar.

⁽²⁾ Rapport Speċjali Nru 25/1998 dwar operazzjonijiet mibdija mill-Unjoni Ewropea fil-qasam tas-sigurtà nukleari fl-Ewropa ċentrali u tal-Lvanti (CEEC) u fl-Istati Indipendenti l-ġodda (NIS) (1990 sa 1997). Segwitu fl-2000, ir-Rapport Annwali tal-Qorti, paragrafi 5.45-5.76.

⁽³⁾ Rapport Speċjali 11/2001 dwar il-programm TACIS ta' koperazzjoni transkonfinali.

16. Il-kampjun kopra tipi differenti ta' azzjonijiet u oqsma ta' intervent. Flimkien ma' proġetti TACIS kbar b'baġit ta' mill-inqas 2 miljun euro, kien hemm tlett proġetti Bistro ⁽⁴⁾, tlett estenzjonijiet iżgħar ta' proġetti li saru aktar kmieni u kuntratt wieħed ta' studju dwar vijabilità.

OSSERVAZZJONIJIET

17. Il-parti l-kbira tal-proġetti ffaċċjaw problemi matul waħda jew f'diversi fażijiet taċ-ċiklu tal-proġett. Dawn il-problemi huma elaborati hawn taħt. It-Tabella 1 turi n-numru ta' proġetti milquta mill-problemi prinċipali li hargħu mill-verifika.

Tabella 1

Numru ta' proġetti milquta mill-problemi prinċipali li hargħu mill-verifika

	Numru ta' proġetti bi problemi	Numru ta' proġetti mingħajr problemi
Numru totali ta' proġetti verifikati = 29		
L-identifikazzjoni u l-ippjanar ta' proġett		
Skeda ta' l-ippjanar ta' proġett fit-tul	8	21
Suppożizzjonijiet mhux realistiċi	12	17
Oġġettivi mhux realistiċi	9	20
Oġġettivi neqsin jew impreċiżi	16	13
L-għażla u l-intervent bla suċċess tal-benefiċjarju	11	18
Il-finanzjament ta' proġett		
Id-deċiżjoni dwar id-daqs ta' proġett mhux ċara	8	21
L-implimentazzjoni ta' proġett		
Dewmien fl-implimentazzjoni	12	17
Problemi bl-eżekuzzjoni tal-kuntratturi	6	23
Il-monitoraġġ ma kienx effettiv	3	26
Oġġettivi ma kinux/parzjalment biss milħuqa	12/8	9
Kondizzjonalitajiet mhux stabbiliti jew mhux rispettati	8	21
Tixrid ta' informazzjoni u sostenibilità		
Tixrid ħażin ta' informazzjoni	17	12
Sostenibilità ħażina	24	5
Nuqqas ta' evalwazzjoni	27	2

Oġġettivi mhux miksuba jew miksuba parzjalment biss

18. Disa' proġetti kisbu kompletament l-oġġettivi tagħhom. Fi tmien każijiet l-oġġettivi kienu parzjalment milħuqa u fi tnax-il każ l-oġġettivi ma kinux miksuba.

⁽⁴⁾ Bistro huwa faċilità TACIS intiż biex iwieġeb malajr għal talbiet għal sostenn għal proġetti fuq skala żgħira (bħala regola sa 100 000 euro).

Kaxxa 1

Proġett minnhom kellu diversi objettivi speċifiċi. Wieħed minnhom kien li jassigura armonizzazzjoni ta' standards legali tat-toroq bejn l-UE u l-Federazzjoni Russa. Dan l-objettiv ma setax jintlaħaq għaliex ma hemm l-ebda standard ta' l-UE bħalu. It-tieni wieħed kien li jippermetti testijiet komparattivi ta' materjali tat-toroq billi jipprovi lil aġenzija Russa b'taġħmir ta' testjar. It-taġħmir kien ikkunsinnjat imma kien għadu mhux uttilizzat sa kważi sentejn wara t-tmiem tal-proġett. It-tielet objettiv, taħriġ tal-persunal tal-benefiċjarju, kien ikkanċellat f'nofs il-proġett.

19. B'mod ġenerali, l-aktar proġetti ta' suċċess f'termini ta' sodisfazzjoni ta' l-objettivi tagħhom kienu l-proġetti żgħar, fejn l-objettivi kienu identifikati tajjeb u b'mod ċar. Ukoll, proġetti implimentati fir-reġjuni ġeneralment ħadmu aħjar minn proġetti mmirati għall-ministeri fil-livell ċentrali minħabba livell akbar ta' impenn u sens ta' responsabbiltà.

Il-qafas ta' programmazzjoni

20. Tul is-snin il-Kummissjoni żviluppat sistema ta' programmazzjoni ta' azzjonijiet esterni. Fit-teorija s-sistema hija komprensiva u loġika. Hija kienet diġà stabbli għal ħafna snin. B'konformità ma' programmi ta' azzjoni esterna oħrajn ħafna dokumenti huma abbozzati f'livelli varji tal-programmazzjoni u ta' l-implimentazzjoni TACIS (ara l-paragrafi u).

21. Madanakollu, il-proċess ta' programmazzjoni li jinkludi l-konsultazzjonijiet interni u esterni jieħu fit-tul. Dan għamel pressjoni fuq l-identifikazzjoni u l-preparazzjoni tad-dokumenti ta' l-ippjanar għall-proġetti individwali u fl-aħħarnett meta l-iskadenzi tal-preżentazzjoni tal-proġetti kienu qed joqorbu, irriżultaw f'ToRs ta' kwalità insuffiċjenti (ara l-paragrafu 26).

22. Ir-riżultati tal-proġetti verifikati, u l-analiżi tal-problemi ffaċċjati minnhom, juru li, minkejja l-isforzi apparenti tal-Kummissjoni matul il-konsultazzjonijiet formali, il-programmazzjoni u l-identifikazzjoni tal-proġetti sussegwenti li tinkludi l-preparazzjoni ta' memoranda ta' finanzjament u ToRs individwali, kienu mwettqa fin-nuqqas ta' djalogu adegwat (ara l-paragrafu 6) mal-livelli varji, jiġifieri, awtoritajiet Russi li jamministraw il-programm TACIS u l-benefiċjarji (ministeri u organizzazzjonijiet oħra). Għal ċerti oqsma ta' intervent il-proċess ta' riforma fil-Federazzjoni Russa m'avvanzax kif kien mixtieq jew l-ambjent politiku min-naħa tal-benefiċjarju ma mmaturax biżżejjed għal djalogu konstruttiv mal-Kummissjoni. B'konsegwenza kien hemm ftit każijiet fejn l-awtoritajiet Russi aċċettaw assistenza li l-benefiċjarji finali attwalment ma ridux. Dan in-nuqqas ta' djalogu u t-tul tal-proċess ta' l-ippjanar (ara paragrafu 21) kellhom impatt negattiv fuq l-effettività tal-proġetti.

L-identifikazzjoni u l-ippjanar ta' proġett**Applikazzjoni ħażina tas-Sistema tal-Ġestjoni taċ-Ċiklu ta' Proġett**

23. Fl-1992 il-Kummissjoni adottat il-metodoloġija PCM li tistipula l-qafas u l-kontenut ta' Proposti ta' Finanzjament u li tinkludi rekwiżit li jitfassal qafas loġiku ⁽¹⁾ sabiex ittejjeb il-ġestjoni tagħha tal-proġett. Madanakollu, l-użu tal-metodoloġija PCM u l-qafas loġiċi saru obbligatorji mill-Kummissjoni biss mill-2001.

24. Fl-2001 il-Qorti ppubblikat ir-Rapport Speċjali Nru 21/2000 dwar il-ġestjoni tal-programmi għal għajjnuna esterna tal-Kummissjoni. Waħda mill-konklużjonijiet fir-rapport kienet li l-qafas loġiku bħala parti mill-PCM kienu ħafna drabi mhux ippreparati tajjeb ⁽²⁾. Din il-verifika TACIS uriet li l-Kummissjoni kienet għadha m'użatx il-PCM, li tinkludi l-qafas loġiku, b'mod sistematiku. Il-verifika wriet ukoll li f'ħafna mill-każijiet fejn il-qafas loġiċi kienu wżati effettivament, il-proġetti kisbu riżultati aħjar. L-użu tal-qafas PCM wassal biex l-ippjanar isir aktar fil-fond.

Skeda ta' l-ippjanar ta' proġett fit-tul

25. It-tul ta' żmien mill-idea oriġinali jew mit-talba għall-iffinanzjar ta' proġett sa sal-bidu attwali tal-proġett kien twil ħafna. Dan jista' jieħu sa tliet snin biex jinbada proġett ta' konsulenza, li huwa twil wisq, għax il-bżonnijiet u s-sitwazzjonijiet tal-benefiċjarji jinbidlu. Minħabba d-dewmien, il-proġetti, speċjalment dawk relatati mal-politika ta' żvilupp jew ġestjoni ta' kriżi, kien diġà għaddew żmienhom meta dawn eventwalment bdew. Konsegwentement, peress li ż-żmien kien solva l-problemi oriġinali l-kuntratturi kellhom ibiddu l-approċċi tal-proġetti li dewwem aktar l-implimentazzjoni tagħhom.

Kaxxa 2

Qabel ma bdiet tipprovi assistenza fil-qasam ta' l-attivitajiet kontra l-ħasil ta' flus il-Kummissjoni insistit li jsir studju ta' vijabilità. Prinċipalment minħabba diffikultajiet ta' koordinazzjoni interna bejn is-servizzi tal-Kummissjoni imma wkoll għaliex l-organizzazzjoni benefiċjarja ħadet tul ta' żmien esaġerat biex tapprova t-ToRs tagħha, il-bidu ta' dan il-proġett preparatorju nnifsu kien imdewwem b' sentejn. Eventwalment, dan dewwem il-proġett ta' assistenza teknika — li kien politikament u ekonomikament importanti — u urġenti wkoll għall-Federazzjoni Russa — għal ħames snin.

⁽¹⁾ Il-qafas loġiku huwa għodda li jagħmel espliċitu l-loġika ta' bażi tad-disinn ta' proġett, jiġifieri kif inputs partikolari għandhom jipproduċu ċerti riżultati li jistgħu jgħinu jissodisfaw objettivi li jistgħu jikkontribwixxu għal skopijiet aktar wiesgħa.

⁽²⁾ ĠU C 57, 22.2.2001, paragrafu 37.

Suppożizzjonijiet ta' bażi u objettivi mhux realistiċi

26. Il-perijodu ta' ppjanar twil ma rriżultax dejjem f'ToRs ta' kwalità tajba. F'disa' każijiet investigazzjonijiet ta' sfond insuffiċjenti fil-fażi tad-disinn ta' proġett wasslu għal objettivi mhux realistiċi. Ħafna drabi, id-disinn ta' proġett ma ħadux in konsiderazzjoni r-restrizzjonijiet legali fl-implimentazzjoni tal-proġett, jew l-objettivi kienu jaqgħu barra l-kompetenza tal-benefiċjarju, jew huma kienu wiesgħa wisq jew astratti ħafna biex jintlaħqu bi proġett wieħed. Per eżempju, ħafna mill-proġetti b'objettivi jew kompiti relatati mal-politika ta' formolazzjoni, li jinkludu l-abbozzar ta' leġislazzjoni, ma kinux ta' suċċess.

Kaxxa 3

Proġett pilota kien imwaqqaf biex jeżamina mudell ġdid biex jiffaċilita l-bidu ta' negozji ġodda. Madanakollu, mudell simili kien diġa' ġie mwaqqaf fil-Federazzjoni Russa bl-għajnuna ta' assistenza teknika Kanadiża f'nofs is-snin disgħin.

27. Il-parteċipazzjoni tal-kontropartijiet Russi, kif ukoll id-Direttorati Ġenerali ta' l-istess linja fil-Kummissjoni, fil-proċessi ta' abbozzar u ta' approvazzjoni tad-dokumenti ta' ippjanar varjaw ħafna u jistgħu jitqiesu li kienu insuffiċjenti biex jiżguraw ippjanar realistiku f'ċerti każijiet.

Kaxxa 4

F'każ minnhom lokalità kienet involuta fi proġett ta' enerġija u tisħin distrettwali imma ma kinitx maħtura bħala benefiċjarja primarja. Hija m'approvatx it-ToRs u b'riżultat, il-proġett kien imdewwem u ffaċċja problemi ta' ġestjoni oħra kkaġunati min-nuqqas ta' impenn mill-awtoritajiet lokali.

28. Eżempji ta' suppożizzjonijiet u objettivi mhux realistiċi jinkludu: il-qafas istituzzjonali ta' benefiċjarju ma kienx adegwat jew ma kienx jeżisti, il-grupp immirat ma kellu l-ebda interess fis-servizzi provduti, l-kooperazzjoni potenzjali ta' l-amministrazzjoni lokali kienet stmata aktar jew il-benefiċjarju ma kienx, skond il-leġislazzjoni, permess li jipprovdi s-servizzi jew l-informazzjoni maħsuba mill-proġett.

Kaxxa 5

Proġett ta' ġestjoni tat-toroq remot u kompletament lokali kellu objettiv ġenerali mhux adegwat, li jiffaċilita s-suq bejn l-UE u l-Federazzjoni Russa.

Eżempju ieħor ta' objettiv mhux realistiku huwa ppreżentat fil-kaxxa tal-paragrafu 18 dwar l-armonizzazzjoni ta' l-istandards tat-toroq.

Objettivi neqsin jew impreċiżi

29. Tlettax-il proġett verifikati kellhom objettivi ċari. Madanakollu, f'sittax mill-proġetti verifikati, l-objettivi inizjali tal-proġetti fit-ToRs jew iddeskrivew biss l-attivitajiet maħsuba jew inkella l-input minflok iffissaw objettivi ċari u miżurabbli; jew dawn kienu formulati bl-istess mod ġenerali bħal daww fid-dokumenti ta' programmazzjoni politika, li obbligaw lill-kuntratturi biex jiddefinixxu l-iskop veru tal-proġetti matul l-implimentazzjoni. Il-proġetti ma kellhomx objettivi li setgħu jidentifikaw il-problemi li jridu jiġu solvuti u lanqas dan ma kellhom tali objettivi ma' liema setgħu jkeġju l-kisbiet tal-proġetti.

30. Għal ħafna mill-proġetti verifikati ma kinux ġew identifikati indikaturi verifikabbli b'mod objettiv. F'każijiet oħrajn, fejn l-objettivi kienu ċari u intelliġibbli kien hemm differenzi bejn l-attivitajiet attwali tal-proġett u l-objettivi inizjali tal-proġett kif deskritti fit-ToRs. F'każ minnhom l-proġett kien eżegwit mingħajr objettivi speċifiċi jew indikaturi verifikabbli b'mod objettiv. Minflok huwa kien dirett biex jipprovdi servizzi *ad hoc* lil ministeru mingħajr ma kien ċar dwar l-obbjettiv eżatt tax-xogħol. Fil-każ ta' proġett ieħor il-benefiċjarji fis-settur privat irċievew assistenza biex jiżviluppaw l-attivitajiet kummerċjali tagħhom li fil-fatt kienet taq' barra mill-iskop ta' l-objettivi ġenerali tal-proġett.

31. Għal ċerti proġetti d-disinn kien kumpless iżżejjed, kien jinkludi kompiti u objettivi separati u mhux relatati ma' xulxin.

Kaxxa 6

Proġett minnhom kellu 23 riżultat u objettiv prinċipali differenti integrati fi 8 komponenti differenti. Dawn kienu jkopru temi bħal protezzjoni ta' l-ambjent fil-produzzjoni taż-żejt, miżuri dwar l-ekonomija ta' enerġija u studji dwar it-trobbija tal-ħut. B'konsegwenza ta' din il-komplessità diversi mill-objettivi maħsuba, li jinkludu t-tnejn l-aktar sinifikanti, ma kinux miksuba kompletament.

L-għażla u l-intervent ta' benefiċjarji bla suċċess

32. L-għażla ta' benefiċjarji adattati bħala sħab ta' proġett kienet problematika ħafna għaliex l-objettivi tal-proġett kienu xi drabi jaqgħu barra mill-kompetenza ta' l-isħab tal-proġett, jew il-benefiċjarju ma kienx lest li jirċievi jew ma kienx jista' jibbenefika mis-sostenn. F'każ partikolari l-Kummissjoni riedet tagħti sostenn lil aġenzija federali għal raġunijiet politiċi, bi ħsieb ta' negozjati ta' kooperazzjoni fil-futur qrib bejn l-UE u l-Federazzjoni Russa. Madanakollu, din l-aġenzija fl-aħħar ma kinitx involuta fin-negozjati nfushom.

33. Meta proġett kellu diversi benefiċjarji, l-implimentazzjoni ffaċċja numru ta' problemi. Nuqqas ta' koperazzjoni bejn l-awtoritajiet federali u reġjonali u nuqqas ta' koperazzjoni bejn l-awtoritajiet federali differenti u bejn l-awtoritajiet reġjonali differenti kienet normali. Dan in-nuqqas, għalkemm evidenti, ma ttiehidx in konsiderazzjoni matul l-ippjanar.

Kaxxa 7

F'każ minnhom l-benefiċjarju li ta bidu kien qed jaħdem biss fil-livell ta' reġjun. Biex jissodisfa r-rekwiżiti ta' daqs minimu tal-baġit tal-proġett, huwa kellu jiġi mkabbar biex ikopri diversi reġjuni. Biex tiġi solvuta l-problema benefiċjarju ieħor ġie maħluq imma fuq il-karta biss. Huwa ma kellux identità ġuridika, u lanqas ma kien jeżisti barra mid-dokument ta' l-ippjanar tal-proġett.

34. F'ħames każijiet verifikati l-benefiċjarji ma kinux involuti fl-ippjanar tal-proġett, jew mhux kmieni biżżejjed biex jinfluwenzaw id-disinn tal-proġett.

Il-finanzjament ta' proġett

Problemi relatati mad-deċizzjoni tad-daqs tal-proġett

35. Skond il-linji gwida tal-programmazzjoni, id-daqs minimu tal-baġit tal-proġetti TACIS fil-Federazzjoni Russa għandu jkun 2 miljun euro sabiex jiksibu l-impatt u l-viżibiltà suffiċjenti. Madanakollu, il-programm jista' jiffinanzja numru ta' inizjattivi ta' skala żgħira, li jinkludu l-proġetti Bistro. Il-parti l-kbira tal-proġetti fil-kampjun verifikat kellhom baġit ta' bejn 2 u 3 miljun euro (ara paragrafu 16). Fi tmien każijiet ma kienx ċar mid-dokumentazzjoni tal-proġetti kif kienu wasslu għall-baġit tal-proġetti. Meta l-oġettivi tal-proġetti ma kinux ċari, id-definizzjoni ta' baġit tajjeb tkun diffiċli.

36. F'ċerti każijiet dan id-daqs minimu wassal għal problemi. Minflok jingħata bidu għal diversi proġetti definiti tajjeb u ffukati, kompiti multipli kienu inkorporati f'sett wieħed ta' ToR li kienu f'tit xejn relatati jew b'ebda sinerġija (ara l-paragrafu 31). Ir-riżultati tal-verifika wrew li tali approċċ mmexxi mill-baġit, li joħloq b'mod artifiċjali proġetti akbar, huwa jista' jżid l-impatt u l-viżibiltà tal-proġetti.

Kaxxa 8

Fil-każ ta' proġett ta' ristrutturazzjoni industrijali kienu ppjanati 30 sotto-proġetti. Il-baġit kien iffissat sabiex jilħaq id-daqs minimu aktar milli biex jissodisfa l-bżonn tas-sotto-proġetti.

Kofinanzjament nazzjonali huwa rari

37. Skond ir-Regolament TACIS, kofinanzjament nazzjonali ta' proġetti kellu jkun mħeġġeġ b'mod attiv mill-Kummissjoni. Madanakollu, rekwiżiti ta' kofinanzjament huma rari fil-proġetti TACIS fil-Federazzjoni Russa, għalkemm huma maħsuba li jkollhom impatt pożittiv fuq l-impenn tal-benefiċjarju u tal-kuntrattur biex jinkisbu r-riżultati mistennija. Kien hemm żewġ każijiet biss fost il-proġetti verifikati fejn il-benefiċjarju kien qed jikkofinanzja l-attivitajiet. Il-kofinanzjament kellu impatt pożittiv fuq is-sens ta' responsabbiltà lejn il-proġetti mill-benefiċjarji li wassal għall-kisba ta' l-oġettivi tal-proġetti.

38. Ħafna mill-proġetti jinkludu kontribuzzjoni in natura mill-benefiċjarji bħal impenji biex jagħmlu disponibbli l-persunal lokali ta' l-istess esperjenza jew biex jipprovdu lill-kuntrattur b'binj. Fi tmien każijiet kien hemm problemi rigward dan il-kofinanzjament indirett għaliex l-impenji ma kinux onorati, partikolarment għal proġetti f'Moska. Il-ministeri fil-Federazzjoni Russa ġeneralment m'humiex permissi legalment li jipprovdu lill-kuntratturi bi spazju għal uffiċċju fil-bini tagħhom. Għalkemm il-Kummissjoni hija konxja bil-problema, hija kompliet tinkludi tali kundizzjonijiet fit-ToRs.

L-implimentazzjoni ta' proġett

Dewmien fl-implimentazzjoni

39. Sbatax-il proġett kienu implimentati fiż-żmien stipulat. Fit-tnax-il każ li kien baqa' kien hemm dewmien kbir fl-implimentazzjoni. F'dan ir-rigward l-aktar parti kritika kienet fil-fażi ta' bidu, li normalment kienet tiegħu aktar ħin minn dak ippjanat. Minħabba t-ToRs ħżiena l-proġetti kienu jeħtieġu ħafna approvazzjonijiet għal bdil matul il-bidu u l-implimentazzjoni. Il-proċedura għall-bidla ta' l-approċċ ta' proġett b'addenda tiegħu ħafna żmien. Anke bidla tal-persunal teħtieġ l-istess proċedura bħal modifikazzjonijiet għas-sustanza attwali tal-proġett.

40. Id-devoluzzjoni ta' responsabbiltajiet tal-ġestjoni ta' proġett mill-kwartieri ġenerali tal-Kummissjoni għad-Delegazzjonijiet rriżultat fi proċeduri ta' ġestjoni aktar effettivi permezz ta' kuntratti aktar diretti bejn il-maniġers ta' proġett u l-partijiet interessati ta' proġett; fil-fatt, ġestjoni aktar pro-attiva mid-Delegazzjonijiet salvat ukoll diversi mill-proġetti minn diffikultajiet serji. Dawn l-osservazzjonijiet huma skond dawk tal-verifika tal-Qorti tad-devoluzzjoni tal-ġestjoni ta' għajnuna esterna tal-KE għad-Delegazzjonijiet tal-Kummissjoni ppubblikati fir-Rapport Speċjali Nru 10/2004 ⁽¹⁾. Madanakollu, l-implimentazzjoni tal-proġetti li kienu pprogrammati u ppreparati ċentralment fi Brussell u fl-2002/2003 kienu trasferiti għad-Delegazzjoni tal-KE f'Moska (madwar nofs il-proġetti kollha verifikati) iltaqgħu ma' dewmien ta' darba biss u nuqqasijiet maniġerjali ovvji minħabba dan il-proċess ta' trasferiment.

⁽¹⁾ ĠU C 72, 22.3.2005.

L-eżekuzzjoni tal-kuntratturi kienet ġeneralment aċċettabli

41. Għalkemm l-oġġettivi ħafna drabi ma kinux miksuba jew miksuba biss parzjalment (ara l-paragrafu 18), f'ħafna mill-każijiet il-kuntratturi taw ir-riżultati (prodotti mistennija) kif maħsuba jew fit-ToRs oriġinali jew fit-ToRs emendata b'addenda. Problema tipika għall-kuntratturi kienet li jsibu u jżommu persunal adattat f'postijiet l-aktar imbiegħda ta' proġett meta l-persunal oriġinarjament allokat ma kienx disponibbli. Proġett żgħir wieħed biss kien falliment minħabba nuqqas ta' riżultati mill-kuntrattur. Kuntrattur ieħor iffaċċja problemi finanzjarji matul l-implimentazzjoni ta' proġett, li wasslu għal dewmien sinifikanti fl-implimentazzjoni.

Kumitati ta' tmexxija mhux effettivi

42. Fejn kumitati ta' tmexxija kienu mwaqqfa dawn normalment ma kinux jaħdmu effettivament jew effiċjentement. Dan fixxkel l-implimentazzjoni tal-proġetti. Il-poteri tal-kumitati kienu limitati mill-Kummissjoni allura l-membri Russi ma setgħux jaraw x'tip ta' impatt il-kumitati ta' tmexxija setgħu jkollhom u, għaldaqstant, ma pparteċipawx attivament fil-laqgħat. Il-maniġers tal-proġett tal-kuntratturi kellhom jieħdu kontroll (parti mill-) tal-kompiti tal-kumitati ta' tmexxija.

Tagħmir mhux użat għall-iskopijiet tal-proġett

43. Skond ir-Regolament TACIS (EURATOM, KE) Nru 1279/96 il-programm għandu jkopri spejjeż raġonevoli tal-provvisti meħtieġa b'sostenn għall-implimentazzjoni ta' l-assistenza teknika ⁽¹⁾. Ir-Regolament TACIS (EURATOM, KE) Nru 99/2000 jgħid li massimu ta' 20 % tal-baġit annwali jista' jiġi allokat għal investiment ⁽²⁾. Fil-prattika l-kuntratti ta' servizz kienu jinkludu komponent ta' provvedimenti li jobbliga lill-kuntratturi ta' l-assistenza teknika, b'koperazzjoni mal-benefiċjarji, biex jiddefinixxu l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-provvisti, u biex iġestu l-proċess ta' xiri skond ir-regoli TACIS ta' xiri pubbliku.

44. Ma kienx hemm dejjem sinerġija ċara bejn l-assistenza teknika u t-tagħmir provdut taħt il-proġetti. Lanqas ma kien hemm evidenza li l-komponent ta' tagħmir indirizza l-oqsma speċifiċi deskritti ⁽³⁾ fir-Regolament jew Linji Gwida. Il-benefiċjarji kkunsidraw il-komponent ta' tagħmir (fil-parti l-kbira tagħmir ta' l-uffiċċju u IT) aktar bħala bonus addizzjonali mogħti biex tiġi aċċettata l-konsulenza.

⁽¹⁾ Artikolu 3.

⁽²⁾ Artikolu 6.

⁽³⁾ Kooperazzjoni transkonfinali, promozzjoni ta' Intrapriżi ta' Daqs Żgħir u Medju (SMEs), infrastruttura ambjentali u network ta' importanza strateġika għall-Komunità.

45. F'ħafna każijiet it-tagħmir kien ikkunsinnat fl-aħħar tal-proġett, minħabba l-proċedura twila ta' xiri pubbliku, u għaldaqstant ma setgħax ikun użat għall-attivitajiet tal-proġett.

46. It-tagħmir jeħtieġ manutenzjoni (inkluża l-provvista ta' konsumabbli) wara li l-proġett ikun spiċċa. Madanakollu, din il-manutenzjoni ma saritx dejjem.

Kaxxa 9

F'każ minnhom, l-uffiċċji tad-dwana ma kellhomx baġit biex jixtru konsumabbli għall-laboratorju. Laboratorju ieħor baqa' l-parti l-kbira mhux użat, għax il-benefiċjarju ma kellux bini adegwat fejn juża' t-tagħmir.

Wieħed mill-benefiċjarji federali rrifjuta li jaċċetta tagħmir IT għal raġunijiet burokratiċi tiegħu (peress li dan ma ħallasx għat-tagħmir ma kienx jaf kif jirreġistrah fil-karta ta' bilanċ).

F'każ ieħor ċertu tagħmir kien mibjugħ mill-benefiċjarju għax ma kienx jaf kif jużah. Parti mit-tagħmir ma setax jintuża għaliex il-kollegament ta' l-internet meħtieġ ma kienx disponibbli. Ftit mit-tagħmir għal eżerċizzju fiżiku ma kienx adegwat għall-grupp immirat, it-tfal, imma kien użat minn akademi militari lokali.

Xiri mingħajr VAT minn fornituri domestiċi huwa impossibbli

47. Kuntratturi indikaw problemi fix-xiri pubbliku għall-użu intern ta' tagħmir u kif ukoll ta' servizzi. Skond ir-Regolament TACIS ⁽⁴⁾, taxxi u dazji m'humiex nefqa eliġibbli. Xiri mingħajr VAT minn fornituri domestiċi fil-Federazzjoni Russa kien impossibbli għaliex il-leġiżlazzjoni sekondarja Russa ma tipermettix dan. Dan mhux skond il-ftehim bejn l-UE u l-Federazzjoni Russa ⁽⁵⁾.

L-osservaturi għamlu xogħolhom tajjeb

48. Kumpanija ta' konsultazzjoni esterna kienet inkarigata bil-monitoraġġ tal-proġetti, matul l-eżistenza tagħhom. Il-konsulenti (osservaturi) jiffurmaw opinjoni dwar id-disinn, l-effiċjenza, l-effettività, l-impatt u s-sostenibilità tal-proġetti. Il-parti finanzjarja tal-proġett hija eskluża. Ukoll, l-eżami ta' l-impatt tal-proġett wara d-data ta' l-għeluq ta' l-attivitajiet tal-proġetti kienu u mhumiex parti mill-kuntratt bejn il-Kummissjoni u l-osservaturi. In-nuqqas ta' dan l-eżami ma kienx ikkumpensat b'evalwazzjonijiet.

⁽⁴⁾ Artikolu 9 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 99/2000.

⁽⁵⁾ Regoli Ġenerali għall-Assistenza teknika tal-Komunitajiet Ewropej iffirmati mill-Kummissjoni Ewropea u l-Gvern tal-Federazzjoni Russa fit-18 ta' Lulju 1997.

49. B'mod ġenerali l-osservaturi wettqu xogħolhom skond ir-rekwiżiti tal-kuntratti tagħhom. Madanakollu, fi ftit każijiet ir-rapporti ta' l-osservaturi rrepetew dikjarazzjonijiet li jesprimu intenzjonijiet futuri bħal li kieku dawn kienu mertu tal-proġetti. Tali rapporti ma wrewx b'mod ċar biżżejjed il-problemi ta' implimentazzjoni, li jista' sa ċertu punt jispjega n-nuqqas ta' azzjonijiet korrettivi.

Tixrid ta' informazzjoni, sostenibilità u evalwazzjoni

Tixrid ħażin ta' informazzjoni

50. Attivitajiet ta' tixrid ta' informazzjoni tipiċi kienu seminari, paġna web u fuljetti. Għalkemm ftit mill-proġetti kellhom ftit attivitajiet ta' tixrid ta' informazzjoni matul l-implimentazzjoni tal-proġett, dawn waqqfu meta l-attivitajiet tal-proġett spiċċaw. Per eżempju, il-paġni web magħmula bħala parti mill-attivitajiet ta' sitt proġetti ma kinux miżmuma mill-benefiċjarju wara d-data ta' l-għeluq tal-proġett. Sa ċertu punt, dan juri wkoll li l-valur osservat tar-riżultati miksuba, peress li fondi insuffiċjenti kienu ddedikati mill-Kummissjoni u l-parti Russa għat-tixrid tar-riżultati.

51. Il-Kummissjoni lanqas kellha sistemi u istruzzjonijiet tajbin biex ixxerred b' mod effettiv ir-riżultati u t-tagħlim miksub mill-proġetti TACIS. Per eżempju, m'hemm l-ebda database konsolidata u pubblika fuq il-proġetti TACIS. L-awtoritajiet Russi lanqas huma kompletament konxji tar-riżultati tal-proġetti TACIS.

Sostenibilità ħażina

52. Kif osservat hawn fuq, kien hemm diversi problemi fil-kisba tar-riżultati tal-proġetti u fit-tixrid ta' informazzjoni dwar ir-riżultati miksuba. Barra dan, il-benefiċjarji rament ħafna wżaw jew żviluppaw aktar ir-riżultati bħal rapporti u mudelli. Ir-riżultati ta' ħames proġetti verifikati biss kienu sostenibbli.

Nuqqas ta' evalwazzjoni

53. Il-Kummissjoni twettaq evalwazzjonijiet tul il-pajjiż u tas-settur, imma rament timmira fuq proġetti individwali. Tnejn biss minn 29 proġett verifikati kienu evalwati. Dan kien inadegwat meta wieħed jikkunsidra n-natura pilota maħsuba ta' ħafna mill-proġetti kif ukoll l-ammont ta' flus involut, u mhix fil-livell meħtieġ biex jittejjeb id-disinn ta' proġetti futuri.

KONKLUŻJONIJET U RAKKOMANDAZZJONIJET

Konklużjonijiet

54. Il-Federazzjoni Russa hija sħab importanti tan-negożju u politiku ta' l-UE. Assistenza ta' l-UE effettiva mmirata biex toħloq kundizzjonijiet għad-demokrazija, għar-regola tad-dritt u għat-kabbir ekonomiku tajjeb fil-Federazzjoni Russa u biex tiżviluppa

sħubija vera bejn l-UE u l-Federazzjoni Russa tista' tkun strument bi skop u importanti.

55. Madwar terz tal-proġetti verifikati kisbu kompletament l-oġettivi tagħhom. Fi tmien każijiet l-oġettivi kienu milħuqa parzjalment u fi tnax-il każ huma ma kinux milħuqa (ara paragrafu 18). Ir-riżultati ta' ħames proġetti verifikati kienu sostenibbli (ara paragrafu 52). Meta jiġu kkunsidrati r-riżultati ta' verifika msemija hawn fuq, li juru li l-effettività ta' l-użu tal-fondi TACIS kienet baxxa, il-Qorti ma tistax tevalwa l-eskuzzjoni tal-proġetti TACIS fil-Federazzjoni Russa b'mod pożittiv. Madanakollu, il-verifika wriet li l-eżekuzzjoni tal-kuntratti u ta' l-osservaturi ssodisfat ir-rekwiżiti tal-kuntratti tagħhom. In-nuqqasijiet prinċipali huma s-segwenti:

- a) għall-iskopijiet ta' l-ippjanar u tal-ġestjoni ta' TACIS u programmi simili oħra l-Kummissjoni żviluppat sistemi ta' programmazzjoni u tal-ġestjoni taċ-ċiklu ta' proġett. Dan il-qafas tas-sistema huwa mmirat biex jassigura użu effettiv tal-fondi allokati għall-attività għalkemm il-bżonn li jiġu ppreparati u approvati d-dokumenti ta' programmazzjoni u konsultazzjonijiet relatati għamli l-proċess ta' programmazzjoni twil. Minkejja s-sistemi ta' programmazzjoni eżawrjenti u l-isforzi tal-Kummissjoni, ħafna drabi ma sarx djalogu veru bejn l-awtoritajiet Russi u l-benefiċjarji u dan irriżulta f'ċerti każijiet fejn l-awtoritajiet Russi aċċettaw assistenza, li l-benefiċjarji finali attwalment ma ridux. Taħt dawn iċ-ċirkustanzi, id-dokumenti kellhom ikunu abbozzati fuq livell ġenerali ħafna, li ma jirriflettux il-bżonnijiet veri tal-benefiċjarji (ara l-paragrafi 20 sa 22);
- b) dan kien rifless fid-disinn ta' ħafna proġetti. L-oġettivi kienu xi drabi impreċiżi u mhux miżurabbli u f'ċerti każijiet is-suppożizzjonijiet ta' bażi ma kinux realistiċi. Dan irriżulta f'baġit ta' proġetti mhux stabbilit tajjeb. Ċerti proġetti li mid-dehra tagħha kienu ta' skala kbira fil-fatt kienu jinkludu ħafna proġetti żgħar differenti b'ħafna oġettivi differenti u diversi benefiċjarji. L-għażla tal-benefiċjarji u l-koperazzjoni bejn diversi benefiċjarji kienet problematika. Matul l-implimentazzjoni l-benefiċjarji ħafna drabi naqqsu milli jissodisfaw l-obbligazzjonijiet tagħhom li jikkontribwixxu in natura (persunal ieħor ta' l-istess grad, akkommodazzjoni ta' uffiċċji). Aspett speċifiku li jispjega d-djalogu insuffiċjenti bejn il-Kummissjoni u l-awtoritajiet Russi huwa l-impossibilità ta' xiri mingħajr VAT minn fornituri domestiċi (ara l-paragrafi 25 sa 34);

- c) is-sostenibilità potenzjali ma kinitx mogħtija kunsiderazzjoni suffiċjenti mill-Kummissjoni meta kienet qed tippjana l-proġetti, u barra minn hekk, meta proġett kiseb ir-riżultati tiegħu, dawn ma kinux imxerxa effettivament. B'dan il-mod dupplikazzjoni ta' attivitajiet u tagħlim mir-riżultati baġghu limitati (ara l-paragrafu 52). Il-kofinanzjament prattikament ma kienx użat biex jinkiseb aktar sens ta' responsabbiltà (ara l-paragrafu 37);

- d) l-eżami ta' l-impatt tal-proġetti wara l-għeluq ta' l-attivitajiet tal-proġetti ma kienx parti mid-dmirijiet ta' l-osservaturi u dan ma kienx ikkumpensat b'evalwazzjonijiet. Għaldaqstant il-Kummissjoni ma tistax b'mod sistematiku titgħalliem mill-proġetti implimentati sabiex tiżviluppa interventi futuri aktar effettivi (ara l-paragrafi 48 u 53).

Rakkomandazzjonijiet

56. Il-Qorti tagħmel is-segwenti rakkomandazzjonijiet biex tiffaċilita l-effettività mtejbja ta' assistenza futura lill-Federazzjoni Russa.

- a) Il-Kummissjoni għandha ssib modi biex tqassar il-proċess ta' programmazzjoni u tibbaża l-ippjanar kollu ta' programmi ta' azzjoni esterna fuq djalogu veru bejn il-Kummissjoni u l-benefiċjarju li jwassal għal impenn veru ta' dan ta' l-aħħar.
- b) Il-proġetti għandhom ikunu ffinanzjati biss fejn l-oġettivi kollha huma speċifiċi, miżurabbli, realistiki, marbuta b'limitu ta' żmien u li jistgħu jinkisbu, u huma verament maqsuma bejn il-Kummissjoni u l-benefiċjarju, u f'liema l-kumitati ta' tmexxija, fejn xieraq, għandhom il-pożizzjoni ta' strument ta' ġestjoni importanti billi jingħataw il-poteri neċessarji u billi

tinħoloq sħubija fil-livell ta' teħid ta' deċizzjoni; u l-komponenti ta' investiment (jekk hemm) jkunu kofinanzjati mill-benefiċjarju, u arranġamenti realistiki dwar l-eżenzjoni tal-VAT u kofinanzjament in natura indiretti jsiru.

- c) Il-Qorti tenfasizza l-bżonn ta' organizzazzjoni stabbli u għal azzjoni b'saħħitha u rigoruża skond ir-regoli u l-linji gwida stabbiliti: il-PCM flimkien mal-qafas loġiku għandha tkun applikata kull meta jkun xieraq; il-Kummissjoni għandha li tevita tpoġġi proġetti żgħar flimkien fi proġett wieħed ta' skala akbar b'oġettivi multipli u benefiċjarji differenti; il-Kummissjoni għandha tagħxi minnufih għan-nuqqasijiet fl-implimentazzjoni ta' proġetti; u l-Kummissjoni għandha tiffissa limiti għal ħeffa tal-proċeduri amministrattivi tagħha għall-approvazzjonijiet ta' u reazzjonijiet oħra għad-dokumenti u r-rapporti ta' programmar u kuntrattazzjoni.
- d) Sabiex ikollha idea ġenerali aħjar tas-sostenibilità tal-proġetti: il-Kummissjoni għandha tagħti stima realistika tal-potenzjal għas-sostenibilità matul il-fażi ta' l-ippjanar tal-proġetti; tassigura l-eżami *ex-post*, jew evalwazzjoni, tal-proġetti kompluti sabiex ittejjeb il-proġetti futuri; u tassigura li informazzjoni dwar ir-riżultati ta' proġetti hija aċċessibbli għall-pubbliku u tfittex attivament għall-aħjar prattiċi mil-huqa mill-proġetti tagħha u ta' kontribwenti oħra.

Dan ir-rapport ġie adottat mill-Qorti ta' l-Awdituri fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tad-9 ta' Marzu 2006.

Għall-Qorti ta' l-Awdituri
Hubert WEBER
President

IR-RISPOSTA TAL-KUMMISSJONI

SOMMARJU

I. L-Istrument Ewropew għall-Viċinat u s-Sħubija, propost mill-Kummissjoni f'Settembru 2004, li għandu jirregola l-koperazzjoni futura mar-Russja, bħalissa qed jiġi kkunsidrat fil-Kunsill u fil-Parlament Ewropew. Dokument dwar l-Istrateġija tal-Pajjiż u Programm Nazzjonali Indikattiv li jkopru l-perjodu 2007-2010 ser jit-qegħdu għall-konsiderazzjoni ta' l-Istati Membri meta jkun xieraq.

L-Istrateġija ser tiggwida lill-Kummissjoni Ewropea fl-implimentazzjoni tal-kooperazzjoni finanzjarja fil-livelli deċiżi mill-Kunsill.

II. Il-fondi finanzjarji għar-Russja jinsabu f'tendenza dejjem nieżla. Ir-Russja kisbet ħafna progress ekonomiku fl-aħħar snin u l-kapaċità ta' l-awtoritajiet Russi biex jiffinanzjaw miżuri ta' riforma kibret b'mod sinifikanti fi żmien meta l-pajjiż għandu bilanċ fil-baġit u qed iħallas id-djun internazzjonali tiegħu. Il-livell totali ta' ffinanzjar, *inklużi l-linji orizzontali tematiċi tal-baġit*, niżel għal 150 miljun euro fl-2005 u mistenni jinżel aktar għal madwar 120-130 miljun euro fl-2006.

IV. Il-Kummissjoni stess rikonoxxiet dawn id-dgħujfijiet, li rriżultaw parzjalment minn nuqqasijiet fit-tmexxija tal-proġett, iżda wkoll bħala riżultat tan-nuqqas ta' involviment u approprjazzjoni mill-benefiċjarji Russi. Barra minn hekk, fxi każijiet l-impatt tal-proġetti kien imfixkel mid-diversità ta' interessi fi ħdan is-soċjetà Russa, li mmaterjalizzat f'interessi diverġenti bejn id-diversi awtoritajiet.

Maġġoranza tal-proġetti laħqu l-għanijiet tagħhom b'mod sħiħ jew parzjali, u minkejja l-effettività baxxa ta' wħud mill-proġetti, il-Kummissjoni temmen li l-programmi tagħha ta' għajjnuna għenu biex jitwessa' l-livell ġenerali ta' koperazzjoni bejn l-UE u l-Gvern Russu.

Madankollu, il-Kummissjoni ser tieħu l-lezzjonijiet miksuba mill-esperjenza, u tas-sitwazzjoni ekonomika ġdida li hemm fir-Russja, meta tħejji l-Istrateġija ġdida tagħha għall-pajjiż.

V. Ambjent politiku kostruttiv huwa vitali għall-implimentazzjoni b'suċċess tal-kooperazzjoni finanzjarja. Fil-kuntest ta' l-għajjnuna lir-Russja, in-nuqqas okkażjonali ta' ambjent bħal dan minn żmien għal żmien kellu impatt negattiv fuq l-ipprogrammar u l-implimentazzjoni. Barra minn hekk, l-ipprogrammar ġie effett-wat mill-kriżi finanzjarja fir-Russja fl-aħħar tas-snin disgħin meta disintegrazzjoni ġenerali għamlet id-djalogu diffiċli, u b'hekk naqqset l-appropriazzjoni lokali.

Il-Kummissjoni diġà indirizzat id-dgħujfijiet fit-tmexxija ta' programmi ta' l-imġhoddi billi introduċiet ir-Riforma ta' l-Għajjnuna Esterna (ir-riforma RELEX), l-aktar permezz tad-devoluzzjoni tat-tmexxija ta' l-għajjnuna esterna tal-KE lid-Delegazzjonijiet tal-Kummissjoni. Id-devoluzzjoni tassigura involviment ikbar tal-pajjiż imsieħeb mill-fażi preparatorja sa l-implimentazzjoni finali, u ssaħħa ukoll l-involviment tal-Kummissjoni fil-koordinazzjoni tad-donaturi fuq il-post.

VI. Minn meta saru d-disinji ta' dawn il-proġetti fl-1997-2000 sar titjib sinifikanti, inkluż l-iżvilupp ta' għanijiet ċari u li jistgħu jitkejlu għall-azzjonijiet maħsuba. L-osservazzjonijiet tal-Qorti huma wkoll dwar l-ambjent diffiċli fir-Russja f'dak iż-żmien. Ir-Rapport ta' Monitoraġġ ta' l-2005 tal-proġetti TACIS wera żieda sinifikanti tal-kwalità tal-proġetti f'termini ta' rilevanza, effiċjenza, effettività, impatt u sostenibbiltà. Barra minn hekk, il-Kummissjoni minn żmien għal żmien tagħmel evalwazzjonijiet settorjali u fil-pajjiż kollu.

Waqt li taqbel ma' l-analiżi tal-Qorti li l-proġetti l-kbar m'għandhomx isiru billi jingħaqdu flimkien għadd ta' proġetti żgħar b'ħafna għanijiet u benefiċjarji differenti, il-Kummissjoni għadha bil-ħsieb li timxi lejn proġetti ikbar fir-reġjun TACIS kollu kemm hu. Il-Kummissjoni biħsiebha wkoll teżamina l-vijabbiltà ta' għodod ġodda ta' implimentazzjoni biex ittejjeb il-programm ta' kooperazzjoni mar-Russja meta r-Regolament TACIS jiskadi u jiġi introdott strument ġdid.

Permezz tat-tkabbir tad-djalogu politiku dwar l-Ispazju Komuni mar-Russja l-għan huwa li tkabbar l-appropriazzjoni mill-pajjiż imsieħeb.

VII.

(l-ewwel inċiż) Il-Kummissjoni biħsiebha tibbaża l-koperazzjoni futura dwar l-Ispazji Komuni miftehma bejn ir-Russja u l-Unjoni Ewropea, u ser tappoġġja l-inizjattivi li joħorġu mill-pjanijiet ta' azzjoni; il-kooperazzjoni finanzjarja ser tfittex li tilħaq l-għanijiet politiċi diġà miftehma miż-żewġ naħat.

Madankollu, minkejja ambjent politiku ġeneralment aħjar wara l-ftehim dwar il-politika konġunta dwar l-Ispazji Komuni fl-aħħar snin, li tinkludi l-burokrazija kbira Russa fi djalogu sostnut dwar l-istrateġija għall-kooperazzjoni finanzjarja futura m'hijiex xi ħaġa sempliċi. Barra minn hekk, l-awtoritajiet Russi jibqgħu inċerti dwar il-forma tal-koperazzjoni futura. Għalhekk, ser ikun hemm enfażi ikbar fil-ġejjieni dwar il-finanzjament ta' azzjonijiet li dwarhom jaqblu ż-żewġ naħat. Il-Kummissjoni ser tkun imħejjija biex tuża l-kooperazzjoni finanzjarja biex tmexxi 'l quddiem l-aġenda politika UE-Russja.

(it-tieni inċiż) Il-Kummissjoni għamlet il-PCM u l-użu tal-qafas loġiku obbligatorju mill-2001. Fost l-oħrajn, ir-Riforma ta' l-Għajnuna Esterna saħħet ukoll il-kwalità tal-proġetti, jiġifieri bl-introduzzjoni ta' revizzjoni sistematika ta' proġetti/programmi fil-fażijiet ta' identifikazzjoni u formulazzjoni minn Gruppi ta' Appoġġ tal-Kwalità, kif ukoll bl-użu sistematiku ta' monitoraġġ immirat biex jinkisbu r-riżultati. Anki fuq livell ta' proġett jidħol fis-seħħ l-użu sistematiku ta' qafas loġiku b'indikaturi verifikati b'mod oġġettiv.

(it-tielet inċiż) Il-Kummissjoni tagħmel b'mod sistematiku evalwazzjonijiet settorjali u fil-pajjiż kollu. Ser tikkunsidra li żżid l-għadd ta' evalwazzjonijiet bbażati fuq il-proġett. L-aħjar Prattika hija li jiġu ppubblikati l-evalwazzjonijiet kollha, inklużi l-evalwazzjonijiet tal-proġetti.

Diġà hemm *database* ta' monitoraġġ intiża biex jinkisbu r-riżultati ta' proġetti li qed isiru, użata bħala għodda ta' tmexxija mill-Kummissjoni, li tippermetti għarfien minn prattiki tajbin u ħżiena. Ir-riżultati jinqasmu wkoll b'mod ġenerali mal-pajjiż benefiċjarju.

INTRODUZZJONI

2. I. L-Istrument Ewropew għall-Viċinat u s-Sħubija, propost mill-Kummissjoni f'Settembru 2004, li ser jirregola l-kooperazzjoni futura mar-Russja, bħalissa qed jiġi kkunsidrat fil-Kunsill u fil-Parlament Ewropew. Dokument dwar l-Istrateġija tal-Pajjiż u Programm Nazzjonali Indikattiv 2007-2010 ser jitqegħdu għall-konsiderazzjoni ta' l-Istati Membri meta jkun xieraq.

9. Il-kooperazzjoni finanzjarja mar-Russja tinsab ftendenza dejjem nieżla, hekk kif il-prezzijiet għolja tal-prodotti tejbju b'mod sostanzjali il-pożizzjoni finanzjarja tar-Russja. Il-livell totali ta' ffinanzjar niżel għal 150 miljun euro fl-2005 u mistenni jinżel aktar għal madwar 120-130 miljun euro fl-2006.

10. Il-politika ta' l-UE lejn ir-Russja issa hija espressa mill-erba' Spazji Komuni (L-Ispazju Ekonomiku Komuni, l-Ispazji Komuni tal-Ġustizzja, l-Libertà u s-Sigurtà, l-Ispazju Komuni tas-Sigurtà Esterna, l-Ispazju Komuni tar-Riċerka u l-Edukazzjoni, inklużi l-Kultura) — b'impenji politiċi dettaljati elenkanti fl-azzjonijiet maħsuba li hemm magħhom (miftehma f'Mejju 2005).

OSSERVAZZJONIJET

17. Il-proġetti eżaminati ma jirriflettux it-titjib fil-proċeduri tad-disinn tal-proġett introdotti mindu daħlet ir-riforma tal-KE dwar l-għajnuna esterna, li saħħet matul il-perjodu 2002-2005, b'mod partikolari d-devoluzzjoni tar-responsabbiltajiet

l-id-Delegazzjonijiet. Dan wassal u ser iwassal biex ikompli jtejjeb l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-proġetti bilaterali fil-prattika.

18. Il-Kummissjoni rrikonoxxiet ċerti dgħufijiet dak iż-żmien fl-implimentazzjoni tal-proġett. Dawn ġew indirizzati bir-Riforma ta' l-Għajnuna Esterna.

Kaxxa 1 — Ara t-tweġiba f'paragrafu 18.

21. Għandha ssir distinzjoni bejn iż-żewġ tipi ta' konsultazzjonijiet: konsultazzjonijiet interni fi ħdan il-Kummissjoni jikkunsidraw il-ħtieġa ta' konsultazzjoni, fil-każ ta' sieħeb importanti bħal ma hija r-Russja, ma' ħafna jekk mhux id-DGs u servizzi kollha. Il-proċedura ta' konsultazzjoni ma' l-Istati Membri tiegħu ż-żmien, iżda hija obbligu regolatorju. Konsultazzjonijiet esterni man-naħa Russa huma importanti biex jassiguraw djalogu u sens reali ta' approprijazzjoni. Konsultazzjonijiet interni u esterni f'kull każ jipproċedu, kemm jista' jkun possibbli, b'mod parallell.

F'xi każijiet l-awtoritajiet Russi wara ttardjaw il-firma tal-Programmi ta' Azzjoni, u b'hekk ittardjaw l-implimentazzjoni tal-proġetti nfushom.

22. Ir-Riforma ta' l-Għajnuna Esterna (ir-riforma RELEX), l-aktar permezz tad-devoluzzjoni tat-tmexxija mill-KE ta' l-għajnuna esterna lid-Delegazzjonijiet tal-Kummissjoni, għandha l-għan li tassigura involviment akbar mill-pajjiż imsieħeb mill-fażi preparatorja sa l-implimentazzjoni finali, u ssaħħaħ ukoll l-involviment tal-Kummissjoni fil-koordinazzjoni tad-donaturi fuq il-post.

Saru sforzi, mid-Delegazzjoni b'mod partikolari iżda wkoll mill-Kwartieri tar-RELEX, matul missjoni riċenti ta' programmazzjoni (Ottubru 2005), biex ikun hemm dialogu mal-Gvern Russu dwar l-istrateġija futura, li hija bbażata fuq l-Ispazji Komuni, u l-Kummissjoni ta' l-inqas kisbet ftehim formali minn naħa tar-Russja dwar dawn (minn Mejju 2005).

Id-dialogu ma' l-awtoritajiet Russi tjieb mid-devoluzzjoni 'l hawn. Djalogu regolari jinżamm mat-Taqsima Nazzjonali ta' Koordinazzjoni (NCU). Madankollu, il-kuntatti jistgħu jiġu żviluppati aktar; bħalissa huma limitati minn nuqqas ta' prijorizzazzjoni ta' l-awtoritajiet Russi li ntweru mill-fatt li kien hemm 4 minn nies biss jaħdmu fuq il-programm TACIS fl-NCU. L-awtoritajiet Russi jibqgħu inċerti dwar il-forma tal-kooperazzjoni futura.

24. Mindu saret ir-riforma ta' l-ġhajna esterna tal-KE, l-aspetti kollha tal-*Project Cycle Management* (PCM), inkluż l-użu ta' l-oqsfa loġiċi, huma totalment istituzzjonalizzati. L-użu ta' l-approċċ ta' qafas loġiku jipprovi b'mod oġġettiv indikaturi li jistgħu jiġu verifikati u mezz predefiniti biex issir evalwazzjoni ta' l-effettività ta' l-ispiża. Monitoraġġ indipendenti u orjentat lejn riżultati sistematiċi, kif ukoll evalwazzjonijiet obbligatorji li jsiru fin-nofs jew fl-aħħar, jintużaw biex dan jiġi verifikat. Barra minn hekk, biex jitjeb id-disinn ta' l-operazzjonijiet individwali, *EuropeAid Office Quality Support Groups* (oQSGs) jirrevedu l-proġetti u l-programmi darbtejn qabel ma tittieħed deċiżjoni dwar l-iffinanzjar — l-aktar, fil-fażijiet ta' identifikazzjoni u formulazzjoni. Il-kwalità tal-proġetti/programmi hija evalwata permezz ta' kontrolli bbażati fuq Qafas ta' Kwalità koerenti mal-kriterji OECD/DAC (il-Qafas ta' Kwalità hija sistema bbażata fuq tliet attributi ta' kwalità — relevanza, fattibbiltà u effettività u tmexxija tajba — u tnax-il kriterju li jindikaw kwistjonijiet kruċjali li għandhom jiġu evalwati biex tiġi ġġudikata l-kwalità). Barra minn hekk, id-Delegazzjoni fir-Russja stabbiliet sistema ta' "*peer group perusal*" biex tirrevedi l-punti prinċipali ta' proġetti u termini ta' referenza qabel ma jiġu approvati.

25. Bħala riżultat ta' din ir-riforma, inkluża t-twaqqif ta' l-EuropeAid (Jannar 2001) u d-devoluzzjoni tal-ġestjoni ta' l-ġhajna lid-Delegazzjonijiet tal-Kummissjoni, flimkien mar-Regolament Finanzjarju l-Ġdid (Jannar 2003), id-dewmien tal-proġett se jkun limitat u solvut.

Il-Programm ta' Konsulenza Politika ġiet introdotta biex tassigura risposta malajr għat-talbiet tar-Russja dwar konsulenza politika. Barra minn hekk, ġew introdotti għodda ġodda (per eżempju, *Faċilità Ġenerali ta' Ġhajna Teknika*, *Miżuri ta' Akkumpanjament*, eċċ) li jippermettu wkoll tweġibiet malajr f'każ ta' hteġa urġenti.

26. Sadattant id-devoluzzjoni wasslet għall-żieda sinifikanti fl-impejgati fid-Delegazzjonijiet, li għandu jiffaċilita t-tweġieq ta' studji ta' riċerka kif ukoll investigazzjonijiet ta' l-ambjent legali attwali (għalkemm dan qed jinbidel malajr). Ir-rwol dejjem jiżdied tad-Delegazzjoni għandu jikkontribwixxi wkoll biex jiġu evitati problemi tat-tip imsemmija f'kaxxi 3, 4 u 5.

27. Linji gwida ta' pprogrammar armonizzati ġew żviluppati mill-2000 u dokumenti ta' programmazzjoni issa qed jiġu miflija għall-kwalità u l-konsistenza. Rigward id-Dokument dwar l-Istrateġija tal-Pajjiż 2007-2013, saret missjoni konsultattiva f'Ottubru 2005 biex tassigura l-parteċipazzjoni ta' l-awtoritajiet Russi fil-proċess ta' programmazzjoni. Ara wkoll it-tweġiba għall-paragrafu 21.

28. Ara r-risposta għall-paragrafu 26.

29. Mill-2000 il-Kummissjoni għamlet ħafna sforzi biex tiżviluppa għanijiet ċari u li jistgħu jitkejlu għall-azzjoni maħsuba. Il-proċess ta' sostenn għall-kwalità interna li għadu kemm twaqqaf fil-kwartieri jiffoka, fost l-oħrajn, fuq kemm huma xierqa l-għanijiet.

30.-31. Id-disinn tal-proġett tjieb ħafna permezz tar-riforma ta' l-Ġhajna Esterna tal-KE kif imfissra fit-tweġiba tal-Kummissjoni għall-paragrafu 24.

Kaxxa 6 — Il-Kummissjoni tikkonferma li l-proġett kien kumpless. Madankollu, ir-riżultati tal-proġett taw bidu għall-attivitàjiet fil-qasam ta' l-użu ta' riżorzi enerġetiċi sostenibbli u li jħarsu l-ambjent.

32. Huma l-awtoritajiet Russi li jipproponu l-benefiċjarji. Dan il-proċess huwa kultant ikkumplikat minħabba diffikultajiet ta' koordinazzjoni interna min-naħa Russa u tibdiliet fl-istrutturi tal-gvern.

33. In-nuqqas ta' kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet federali u reġjonali jew nuqqas ta' kooperazzjoni bejn awtoritajiet federali differenti u awtoritajiet reġjonali huwa fattur kostanti ta' l-ambjent politiku Russu. Id-Delegazzjoni madankollu għamlet kull sforz biex tassigura l-implimentazzjoni effettiva tal-proġetti pplanati.

34. F'kull każ il-benefiċjarji jridu jiffirmaw Stqarrijiet ta' Approvazzjoni għat-Termini ta' Referenza, u dejjem għandhom l-opportunità jipproponu tibdiliet fid-disinn tal-proġett.

35. Irid jintlaħaq qbil, għall-perjodu mill-2007, biex jiġi evitat it-tixrid eċċessiv ta' fondi modesti u ssir enfasi u tinżamm il-kooperazzjoni finanzjarja fuq numru limitat ta' azzjonijiet.

36. Il-kwalità tad-disinn tal-proġett tjetbet b'mod konsiderevoli kif spjegat f'paragrafu 24. Il-proċess ta' sostenn għall-kwalità interna li għadu kemm twaqqaf fil-kwartieri jiffoka, fost l-oħrajn, fuq kemm huma xierqa l-għanijiet.

37. Il-kofinanzjament huwa inkluż fid-dialogu attwali ma' l-awtoritajiet Russi. Hija kwistjoni kkumplikata u tista' tiżviluppa biss b'pass gradwali.

38. L-inklużjoni tal-post fejn jinsab l-uffiċju fi ħdan it-Termini ta' Referenza sseħħ biss bħala riżultat ta' diskussjonijiet mal-benefiċjarju Russu. Din hija parti mid-diskussjoni meta l-benefiċjarju jintalab juri l-impenn materjali tiegħu għall-proġett. Normalment il-benefiċjarji (inklużi l-Ministeri) jimpennaw ruhom biex jipprovdu akkomodazzjoni (sew jekk din hija ġewwa jew barra minn ministeru speċifiku). Għall-ġejjieni, il-Kummissjoni biħsiebha tagħmel numru ta' suġġerimenti speċifiċi dwar metodi kif in-naħa Russa tista' turi l-impenn min-naħa tagħha. Per eżempju, l-awtoritajiet għandhom jiffaċilitaw l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet iffinanzjati. L-impenn Russu jista' jtkompla permezz ta' talbiet għall-kofinanzjament jew kontribuzzjonijiet mhux monetariji fejn xieraq.

39. Kif imfisser f-paragrafu 24, il-kwalità tad-disinn tal-proġetti tjebet ħafna fil-kuntest tar-riforma ta' l-Għajna Esterna tal-KE.

Fejn tidħol il-ħeffa ta' l-implimentazzjoni hemm dewmien serju dwar l-ikkuntrattar minħabba l-proċedura twila ta' l-iffirmar min-naħa ta' l-awtoritajiet Russi. Fejn jidħol il-perjodu ta' żmien bejn l-ikkuntrattar u l-iffinalizzar, il-proġetti huma ġeneralment implimentati kif ipplanat.

40. L-“Evalwazzjoni Kwalitattiva tar-Riforma ta' l-Għajna Esterna” ta' Lulju 2005 ⁽¹⁾ tikkonferma li l-Għajna issa qed tingħata b'impatt ikbar u qed titmexxa b'mod aktar effiċjenti. It-titjib għad hemm b'żonn u qed ikompli jsir.

41. Tabilħaqq il-Kummissjoni tagħti ħafna attenzjoni għall-proċess ta' l-għażla (u t-tmexxja) ta' l-aħjar konsulenti.

42. Il-Kummissjoni temmen li l-Kumitati ta' Tmexxja huma għodda importanti biex jiggwidaw il-proġetti. Jista' jkun hemm xi nuqqasijiet fit-tħaddim tal-kumitati ta' tmexxja, minħabba li l-interessi tal-membri jistgħu jkunu differenti minn xulxin. Madankollu, b'mod komplessiv il-vantaġġi jgħlbu l-iżvantaġġi.

43. Mill-introduzzjoni tar-Regolament Finanzjarju ġdid, l-ikkuntrattar kollu tal-provvisti sar mid-Delegazzjoni tal-KE stess.

44. Id-delegazzjoni tal-KE tipprova fejn possibbli timminimizza l-inklużjoni tax-xiri ta' apparat fil-proġetti. Madankollu kull-tant jista' jkun hemm b'żonn qawwi espress mill-benefiċjarju u f'dan il-każ il-Kummissjoni tinnegoja.

45. Il-Kummissjoni trid tagħmel kull sforz biex tassigura t-trasparenza u r-regolarità fl-applikazzjoni tal-proċedura ta' l-offerti. Barra minn hekk il-proċeduri Russi tal-VAT u d-Dwana jikkawżaw ukoll aktar dewmien.

46. Apparat ta' l-uffiċju u ta' l-IT (ara l-paragrafu 44) huwa standard; il-benefiċjarji mistennija li jieħdu ħsiebu.

47. Il-liġi diġà qiegħda fis-seħħ flivell federali (Regoli Ġenerali huma obbligatori, il-Liġi tat-Tassazzjoni tirreferi għall-għajna umanitarja/assistenza teknika), iżda hemm nuqqas ta' mekkaniżmi ta' implimentazzjoni (u rieda) flivell lokali. Is-servizzi reġjonali tad-dipartiment tat-taxxi m'għandhomx l-istruzzjonijiet interni meħtieġa biex jiġu applikati l-ftehim internazzjonali u jaċċettaw l-eżenzjoni mill-VAT.

Għalhekk, fil-prattika, għalkemm il-bażi legali neċessarja teżisti u l-proġetti huma kollha rrappurtati lill-Kummissjoni rilevanti ⁽²⁾, mhux teknikament possibbli li tiegħu eżenzjoni f'ras il-għajn, lanqas ir-rifużjoni tal-VAT fuq il-prodotti u s-servizzi mixtrija fir-Russja.

Din il-problema hija enfasizzata regolarment flivell politiku, min-għajr suċċess mil-llum.

48. Il-programm ta' monitoraġġ maħsub biex jinkisbu r-riżultati huwa meqjuż bħala kontribut importanti għall-ħidma tat-tmexxja tal-proġett u ġie estiż għall-oqsma oħra (barra mit-TACIS). Ara wkoll il-paragrafu 53.

49. Ir-Rapport ta' Monitoraġġ ta' l-2005 tal-proġetti TACIS wera żieda sinifikanti fil-kwalità ta' l-erba' komponenti kollha (rilevanza, effiċjenza, effettività, impatt u sostenibbiltà), immonitorjati għall-proġetti diġà mmonitorjati fl-2004. Dan juri li ttieħdet azzjoni korrettiva.

51. Fi ħdan il-Kummissjoni, il-lezzjonijiet miksuba jiġu kkunsidrati sistematikament fl-istabbiliment ta' kull dikjarazzjoni ta' proġett għall-proġetti TACIS. It-twaqqif tad-Direttorat “Appoġġ tal-Kwalità” jgħin ukoll fit-tkabbir ta' l-għarfien istituzzjonali dwar ir-riżultati ta' proġetti li saru qabel.

52. Il-monitoraġġ u l-valutazzjoni tal-proġetti kienu msaħħa bl-użu obligatorju ta' l-għodda tal-qafas loġiku. Dan jgħin biex tkompli titjeb is-sostenibbiltà.

53. Il-Kummissjoni ser tikkunsidra li żżid l-għadd ta' evalwazzjonijiet bbażati fuq il-proġetti.

KONKLUŻJONIJET U RAKKOMANDAZZJONIJET

54. Għall-ġejjieni, il-Kummissjoni biħsiebha tenfasizza l-potenzjal tal-kooperazzjoni finanzjarja ta' suċċess biex tgħin fil-konsolidament tas-sħubija UE-Russja bbażata fuq l-Ispazji Komuni miftehma fl-2003.

55. Il-Kummissjoni nnifisha tirrikonoxxi dawn id-dgħufijiet, li rriżultaw, kif indikat mill-Qorti, parzjalment minn nuqqasijiet fil-fażijiet differenti ta' ċiklu tat-tmexxja tal-proġett u parzjalment bħala riżultat tan-nuqqas ta' involviment u approprjazzjoni mill-benefiċjarji Russi. Barra minn hekk, f'xi każijiet l-impatt

⁽¹⁾ Dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni “Evalwazzjoni Kwalitattiva tar-Riforma ta' l-Għajna Esterna”, SEC(2005) 963 tal-11 ta' Lulju 2005.

⁽²⁾ “Il-Kummissjoni dwar l-Għajna Umanitarja u Teknika Internazzjonali” imwaqqfa b'deċiżjoni tal-Gvern tal-Federazzjoni Russa fl-Lulju 2004.

tal-proġetti kien imfixxkel mid-diversità ta' interessi fi ħdan is-soċjetà Russa, li mmaterjalizzat f'interessi kunfliġġenti bejn id-diversi awtoritajiet.

Maġġoranza tal-proġetti laħqu l-għanijiet tagħhom b'mod sħiħ jew parzjali, u minkejja l-effettività baxxa ta' wħud mill-proġetti, il-Kummissjoni temmen li l-programmi tagħha ta' assistenza għenu biex jitwessa' l-livell ġenerali ta' kooperazzjoni bejn l-UE u l-Gvern Russu.

Madankollu, il-Kummissjoni ser tieħu l-lezzjonijiet miksuba mill-esperjenza, u tas-sitwazzjoni ekonomika ġdida li hemm fir-Russja, meta tħejji l-istrateġija ġdida tagħha għall-Pajjiż.

a) Il-Kummissjoni biħsiebha tuża d-Dokument ta' l-Istrateġija tal-Pajjiż 2007-2013 ta' ġenerazzjoni ġdida u l-Programm Nazzjonali Indikattiv 2007-2010 li jakkumpanjah biex tfas-sal tliet oqsma kuraġġużi ta' prijorità għall-kooperazzjoni finanzjarja, ibbażati prinċipalment fuq il-linji gwida ta' l-erba' Spazji Komuni, miftehna uffiċjalment mal-Federazzjoni Russa f'Mejju 2005. L-oqsma ta' prijorità jagħtu lok għal għadd ta' għanijiet speċifiċi possibbli u sensiela ta' eżempji ta' azzjonijiet li jistgħu jsiru li haġu mill-linji gwida huma elenkati wkoll fl-anness tal-Programm Nazzjonali Indikattiv ġdid. Is-CSP u l-NIP ġodda għalhekk għandhom jagħtu gwida pjuttost dettaljata waqt li jħallu lok għad-djalogu.

b) L-aspetti kollha tat-tmexxija taċ-ċiklu tal-proġett tjebu mill-2001 fil-kuntest tar-riforma ta' l-għajnuna esterna tal-KE. Barra minn hekk, bħala parti mir-riforma, id-devoluzzjoni tal-ġestjoni ta' l-għajnuna lid-Delegazzjoni tal-Kummissjoni tassigura involviment akbar tal-benefiċjarji fit-tħejji u l-ippjanar tal-proġetti.

Id-djalogu ma' l-awtoritajiet Russi kien kultant diffiċli fl-imgħoddi. Dejjem kien hemm djalogu intensiv dwar il-kwistjoni tal-VAT. Madankollu l-ebda soluzzjoni effettiva ma nstabet s'issa mill-Gvern Russu.

c) Is-sostenibbiltà tal-proġetti għandha sadattant titjeb, hekk kif il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-proġetti tjebu bl-użu obbligatorju ta' l-għodda tal-qafas loġiku. Il-ko-finanzjament huwa inkluż fid-djalogu attwali ma' l-awtoritajiet Russi u l-importanza tiegħu tidher permezz tal-fatt li ssemma fid-Dokument ta' l-Istrateġija tal-Pajjiż tar-Russja għall-2007-2013.

d) Il-Kummissjoni minn żmien għal żmien tagħmel evalwazzjonijiet settorjali u fil-pajjiż kollu (ara l-paragrafu 53). Barra minn hekk, il-lezzjonijiet miksuba jiġu kkunsidrati sistematikament fl-istabbiliment ta' kull dikjarazzjoni ta' proġett għall-proġetti TACIS. Fl-aħħarnett, it-twaqqif tad-Direttorat

"Appoġġ tal-Kwalità" jgħin ukoll fit-tkabbir ta' l-għarfien istituzzjonali dwar ir-riżultati ta' proġetti li saru qabel.

56.

a) Il-Kummissjoni tixtieq tqassar il-proċess ta' program-mazzjoni iżda mingħajr ma tikkomprometti d-djalogu estern u mingħajr ma tippreġudika s-sens ta' approprijazzjoni. Id-djalogu huwa importanti, u l-involvement tal-burokrazija kbira Russa fi djalogu sostnut mhuwiex sempliċi, minkejja ambjent politiku ġeneralment aħjar wara l-ftehim fuq il-politika konġunta ta' l-Ispazji Komuni.

Missjoni ta' programmazzjoni saret f'Ottubru 2005 u d-Delegazzjoni tinsab fi djalogu kostanti man-naħa Russa.

L-obbligu regolatorju li jiġu kkonsultati l-Istati Membri jieħu ż-żmien. Il-Kummissjoni ser tipprova tiffinalizza l-Programm Nazzjonali Indikattiv 2007-2010 kmieni biżżejjed biex tkun tista' ssir tħejji tal-proġett għall-programm ta' azzjoni 2007.

b) Il-Kummissjoni taqbel ma' l-evalwazzjoni li l-proġetti għandhom ikunu ffinanzjati biss meta l-għanijiet tagħhom huma "smart" (*specific, measurable, achievable, realistic, timed*) (speċifiċi, li jktejlu, li jistgħu jitwettqu, realistiki, fil-ħin) u teżisti approprijazzjoni tal-benefiċjarju. Il-ko-finanzjament huwa diġà element importanti ma' l-Awtoritajiet Russi.

c) Fost l-oħrajn, ir-riforma ta' l-Għajnuna Esterna saħħet ukoll il-kwalità tal-proġetti, jiġifieri bl-introduzzjoni ta' revizzjoni sistematika ta' proġetti/programmi fil-fażijiet ta' identifikazzjoni u formulazzjoni minn Gruppi ta' Appoġġ tal-Kwalità, kif ukoll bl-użu sistematiku ta' monitoraġġ immirat biex jinkisbu r-riżultati. F'livell ta' proġett jidħol ukoll fis-seħħ l-użu sistematiku ta' oqfsa loġiċi b'indikaturi verifikati b'mod oġġettiv. Il-PCM u l-qafas loġiku ġew użati b'mod sistematiku mill-Kummissjoni mill-2001.

Mid-devoluzzjoni, minħabba l-preżenza tal-Kummissjoni fuq il-post, il-monitoraġġ u konsegwentement ir-reazzjoni biex jiġu rranġati n-nuqqasijiet fl-implimentazzjoni tal-proġett tista' ssir aħjar u b'iktar effiċjenza mqabbel mal-perjodu li qed jiġi investigat mill-Qorti.

d) Dwar is-sostenibbiltà jekk jogħġbok ara r-risposta hawn fuq (c). S'issa, Il-Kummissjoni tagħmel evalwazzjonijiet settorjali u fil-pajjiż kollu b'mod sistematiku. Ser tikkunsidra li żżid l-għadd ta' evalwazzjonijiet bbażati fuq il-proġetti (paragrafu 53). Id-Delegazzjoni f'Moska taħdem ukoll ħafna fuq il-koordinazzjoni tad-donaturi u, konsegwentement, tipprova tipplimenta l-aħjar prattiċi kull fejn hu xieraq u possibbli.

Rapport mill-Qorti ta' l-Awdituri dwar il-verifika ta' l-effiċjenza fl-operat tal-ġestjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew għas-sena finanzjarja 2004 flimkien mar-risposti tal-Bank Ċentrali Ewropew

1. Il-verifika mill-Qorti dwar l-effiċjenza fl-operat tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) hija dispożizzjoni ta' Artikolu 27(2) tal-Protokoll dwar l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali (EBC) u tal-Bank Ċentrali Ewropew ⁽¹⁾. Is-suġġett magħżul għall-verifika għas-sena finanzjarja 2004 kien l-effiċjenza tal-politika tar-riżorsi umani fil-BĊE. Il-Qorti wettqet ukoll verifika ta' segwitu (*follow-up audit*) dwar il-monitoraġġ tal-proġetti u x-xiri u l-ġestjoni ta' servizzi esterni.

IL-POLITIKA TAR-RIŻORSI UMANI

2. Il-baġit ta' l-2004 ammonta għall-376,4 miljun euro, li minnu l-ispejjeż tal-persunal kienu ta' 145,9 miljun euro (39 %) ⁽²⁾.

3. Mill-bidu tiegħu fl-1999 il-BĊE għadda minn perjodu ta' żvilupp mgħaġġel, minn persunal ta' 518-il membru fl-1999 għal persunal ta' 1 309 membri sa l-aħħar ta' l-2004. Fil-fażi inizjali tiegħu, id-Direttorat tar-Riżorsi Umani (D-HR) kien prinċiparjament okkupat bir-inklutaġġ, xogħol amministrattiv ta' kuljum u kellu jaħdem fil-limitazzjonijiet ta' terminu qasir li kellhom x'jaqsmu mal-politika tar-riżorsi umani. Fil-fażi kurrenti ta' konsolidazzjoni, il-BĊE identifika ⁽³⁾ bosta oqsma li jeħtieġu titjib u bnadi li jeħtieġu azzjoni fil-qasam tar-Riżorsi Umani (HR).

4. L-għan tal-verifika tal-Qorti kien li tevalwa l-effiċjenza fl-operat tal-politika ta' l-HR ta' il-BĊE f'dak li għandu x'jaqsmu mar-inklutaġġ u l-mobilità, ħlaq u kumpens, u l-ġestjoni ta' l-assenza. Il-Qorti invalutat jekk il-BĊE kienx:

- żviluppa politika komprensiva u koerenti ta' l-HR li tindirizza l-bżonnijiet organizzattivi tiegħu;
- stabilixxa mekkaniżmi adegwati fuq livell ċentrali biex jikkontrolla l-implimentazzjoni tal-politika tiegħu ta' l-HR;
- implimenta sew fil-livelli kollha l-politika tiegħu ta' l-HR.

⁽¹⁾ Artikolu 27(2) jistipula "Id-dispożizzjonijiet ta' Artikolu 248 tat-Trattat japplikaw biss għall-eżaminazzjoni ta' l-effiċjenza fl-operat tal-ġestjoni tal-BĊE". Id-dispożizzjonijiet istituzzjonali relatati mal-Bank Ċentrali Ewropew huma inklużi f'Artikolu 110 tat-Trattat tal-KE.

⁽²⁾ Jinkludi 133,2 miljun euro ta' l-ispejjeż tas-salarji diretti u 12,7 miljun euro ta' l-ispejjeż tar-riżorsi umani indiretti, bħall-għotjiet ta' flus tar-inklutaġġ u t-tluq mix-xogħol.

⁽³⁾ Fil-kuntest ta' programm organizzattiv għall-bidla msemmi "ECB in Motion", il-Bord Eżekuttiv għamel numru ta' *surveys* fost il-persunal sabiex tittejjeb l-effettività u l-effiċjenza tal-BĊE.

5. Il-kompletezza tal-politika tar-riżorsi umani tal-BĊE fl-oqsma magħżula ġiet imqabbla ma' organizzazzjonijiet internazzjonali oħra, fosthom il-Bank Ewropew għall-Investment (BEI), il-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp (BERI) u l-istituzzjonijiet ta' l-UE. Barra dan, il-Qorti eżaminat l-informazzjoni tal-ġestjoni disponibbli għas-servizzi ċentrali tal-BĊE biex jikkontrollaw l-implimentazzjoni tal-politika ta' l-HR. F'kampjun ta' Oqsma ta' Negożju ⁽⁴⁾ l-Qorti mbagħad eżaminat il-mod li bih il-politika ta' l-HR kienet qed tiġi implimentata fl-oqsma magħżula.

6. Matul is-snin, il-BĊE żviluppa politika ta' l-HR koerenti li tindirizza l-bżonnijiet prinċipali organizzattivi tiegħu. Madanakollu, għad hemm bżonn titjib fl-oqsma tar-inklutaġġ, l-għoti tal-gradi, azzjonijiet dixxiplinari u l-prevenzjoni tal-bullying u l-fastidju fuq il-post tax-xogħol. Fuħud minn dawn l-oqsma, għad m'hemmx osservanza kompleta tad-Direttivi tal-Kunsill.

7. Waqt li ġew stabbiliti mekkaniżmi fuq livell ċentrali biex tiġi ikkontrollata l-implimentazzjoni tal-politika ta' l-HR, ir-rwol ta' kontroll tad-D-HR għadu juri xi nuqqasijiet, b'mod partikolari fl-oqsma tar-inklutaġġ, tat-taħriġ organizzat mill-Oqsma ta' Negożju u l-ġestjoni tal-leave u l-assenza.

8. Kollox ma kollox, il-BĊE implimenta ħafna mill-politika tiegħu ta' l-HR fuq il-livelli kollha skond il-politika li kien stabilixxa għalkemm nuqqasijiet fir-rigward tal-konsistenza u l-uniformità kienu misjuba fl-oqsma tad-determinazzjoni tas-salarji, l-għoti tal-bonus, ir-inklutaġġ u t-taħriġ. Madanakollu, in-nuqqas l-aktar sinifikanti jikkonċerna l-livell baxx ta' osservanza tar-regoli tal-lifj u l-assenza.

9. Il-Qorti tirrakkomanda li l-BĊE għandu:

- jagħmel il-politika tiegħu ta' l-HR aktar komprensiva u tkun riveduta b'mod aktar regolari biex tinżamm aġġornata, b'referenza ma' żviluppi f'organizzazzjonijiet internazzjonali komparabbli;
- isaħħaħ il-funzjoni ċentrali ta' kontroll fil-qasam ta' l-HR sabiex jiżgura li l-politika ta' l-HR tiġi implimentata b'mod ugwali għol-BĊE kollu u jintroduċi kejl tal-kapaċitajiet fil-qasam ta' l-HR permezz ta' indikaturi prinċipali tal-kapaċitajiet u fatturi kritiċi ta' suċċess;

⁽⁴⁾ It-terminu "Oqsma ta' Negożju" qiegħed jiġi wżat fid-dokument biex ifisser "Direttorati Ġenerali" u "Direttorati" tal-BĊE.

— jindirizza l-problemi misjuba fl-oqsma tal-liġf u l-assenza permezz ta', titjib fil-kontrolli, komunikazzjoni aktar ċara u definizzjoni aħjar tar-responsabilitajiet.

' kontroll indipendenti fl-attivitajiet ta' l-għoti ta' prijorità, l-approvazzjoni u l-kontroll. Barra dan, kważi nofs il-proġetti ikkontrollati fuq livell ċentrali fl-2004 kienu soġġetti għal dewmien ta' aktar minn 20 % meta mqabbla mal-pjanijiet inizjali.

SEGWITU TA' L-OSSERVAZZJONIJIET PREĊEDENTI

10. Il-Qorti wettqet verifika ta' segwitu dwar il-monitoraġġ tal-proġetti ⁽¹⁾ u x-xiri u l-ġestjoni ta' servizzi esterni ⁽²⁾.

11. Monitoraġġ ċentrali huwa mwettaq biss għall-proġetti li għandhom x'jaqsmu ma' l-IT u jinkludi biss ir-riżorsi ta' l-IT. Proġetti oħra għadhom ikkontrollati biss lokalment mill-Oqsma ta' Negożju ikkonċernati u m'hemmx livell sekondarju ta

12. Ċirkolari Amministrattiva ġdida dwar ir-Regoli tax-Xiri tal-BĊE kienet maħruġa f'Settembru ta' l-2003 u ġie żviluppat prototip ta' *database* biex jiġu irreġistrati l-eżenzjonijiet kollha mir-Regoli tax-Xiri b'valur ta' aktar minn 10 000 euro u x-xiri kollu ta' valur għoli (valur il-fuq minn 250 000 euro). Madanakollu, il-BĊE għadu ma implimentax kontrolli fuq il-kwalità tax-xogħol magħmul mill-konsulenti u l-fornituri, la fuq livell ċentrali ta' monitoraġġ u lanqas fuq livell deċentralizzat.

Dan ir-rapport ġie adottat mill-Qorti ta' l-Awdituri fil-laqgħa tagħha tal-5 ta' April 2006.

Għall-Qorti ta' l-Awdituri

Hubert WEBER

President

⁽¹⁾ ĠU C 286, 23.11.2004 u ĠU C 341, 4.12.2001.

⁽²⁾ ĠU C 45, 20.2.2004.

TWEĠIBA TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

Il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) jilqa' r-rapport tal-Qorti Ewropea ta' l-Awdituri għas-sena finanzjarja 2004 u jesprimi l-apprezzament tiegħu tal-fatt li l-Qorti tirrikonoxxi li l-BĊE żviluppa politika koerenti tar-Riżorsi Umani li tindirizza l-ħtiġijiet ewlenin ta' l-organizzazzjoni.

Il-BĊE jieħu nota tad-deċiżjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet għal titjib magħmula mill-Qorti. F'dan ir-rigward, il-BĊE ta prijorità għall-iżvilupp ta' politika ta' diversità u qafas biex jostakola l-bullying u l-fastidju. Il-ħidma fuq dawn il-kwistjonijiet issa waslet fl-istadju finali. Għalkemm il-prassi tal-BĊE tikkonforma mas-sustanza tad-Direttivi ta' l-Unjoni Ewropea, il-BĊE se jwettaq iżjed titjib biex jiżgura li r-regoli u r-regolamenti tiegħu jirriflettu d-Direttivi b'mod iżjed sħiħ. Fil-proġetti kollha dwar l-iżvilupp tal-politika, il-BĊE jieħu kont ta' żviluppi mhux biss f'organizzazzjonijiet internazzjonali komparabbli, iżda

wkoll fil-banek ċentrali nazzjonali tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali. Barra dan, fir-rigward tal-konformità ma' regoli tal-lif u l-assenza, fil-futur qrib se tingħata attenzjoni partikolari lit-titjib tas-sorveljanza ta' l-amministrazzjoni ta' l-assenza. Dwar il-kejl tal-kapaċitajiet fil-qasam tar-Riżorsi Umani, il-BĊE ddeċieda favur proċess biex ftit ftit idaħħal indikaturi ewlenin tal-kapaċità.

Proġetti kbar tal-IT u oħrajn mhux marbuta mal-IT dejjem ġew issorveljati ċentralment mill-Kumitat għat-Tmexxija tal-Proġetti tal-BĊE. Mit-tielet trimestru ta' l-2005 'l hawn, is-sorveljanza ċentrali tal-Kumitat għat-Tmexxija tal-Proġetti ġiet estiża biex tkopri l-proġetti kollha marbuta mal-IT u b'hekk ġiet koperta l-biċċa l-kbira tal-proġetti tal-BĊE. Il-kontroll tal-kwalità tal-ħidma mwettqa minn konsulenti u fornituri jsir bħala parti integrali tar-responsabbiltà tal-livelli diversi ta' l-amministrazzjoni.

Rettifika għar-Rapport Speċjali Nru 6/2005 dwar in-netwerk trans-Ewropew għat-trasport (TEN-T) flimkien mat-tweġibiet tal-Kummissjoni

(Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea C 94 tal-21 ta' April 2006)

Fpaġna 3, paragrafu I:

minflok: "4,425 miljun euro",
aqra: "4 425 miljun euro".
